



Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2369 tal-11 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll tal-Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador** ..... 1

**Protokoll ta' adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador** 3



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/2369

tal-11 ta' Novembru 2016

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll tal-Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Jannar 2009, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim kummerċjali multipartitiku f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha mal-Pajjiżi Membri tal-Komunità Andina li kellhom l-istess objettiv li jintlaħaq ftehim kummerċjali ambizzjuż, komprensiv u bbilanċjat.
- (2) Fis-26 ta' Ġunju 2012 l-Unjoni ffirmat il-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra <sup>(1)</sup> ("il-Ftehim"). Il-Ftehim ġie applikat proviżorjament mill-1 ta' Marzu 2013 għall-Perù u mill-1 ta' Awwissu 2013 għall-Kolombja.
- (3) L-Artikolu 329 tal-Ftehim jistipula d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-adeżjoni ta' Pajjiżi Membri oħrajn tal-Komunità Andina għall-Ftehim.
- (4) Negożjati għal protokoll ta' adeżjoni mal-Ftehim twettqu bejn l-Unjoni u l-Ekwador f'Lulju 2014. In-negożjati ġew konklużi fis-17 ta' Lulju 2014.
- (5) It-test tal-Protokoll tal-Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, minn naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador ("il-Protokoll") kien approvat mill-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit bis-saħħa tal-Ftehim fil-laqgħa tiegħu fit-8 ta' Frar 2016, kif mitlub mill-Artikolu 329(4) tal-Ftehim.
- (6) Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u jiġi applikat, fuq bażi proviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tiegħu. L-Artikolu 27(4) tal-Protokoll jipprevedi l-applikazzjoni proviżorja tiegħu. Bħala riżultat tal-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll, il-Ftehim għandu japplika b'mod proviżorju.
- (7) L-applikazzjoni proviżorja prevista f'din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax l-allokazzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha skont it-Trattati.

(<sup>1</sup>) ĠUL 354, 21.12.2012, p. 3.

- (8) Il-Protokoll ma għandux jiġi interpretat fis-sens li jagħti xi drittijiet jew jimponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament quddiem il-qrati jew it-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-iffirmar fisem l-Unjoni tal-Protokoll tal-Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-istess Protokoll.

2. It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Il-Protokoll għandu jiġi applikat bejn l-Unjoni u l-Ekwador fuq bażi proviżorja mill-Unjoni kif previst fl-Artikolu 27(4) tiegħu <sup>(1)</sup>, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tiegħu. Bħala riżultat, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom jiġi applikati fuq bażi proviżorja mill-Unjoni kif previst fl-Artikolu 330(3) tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 2, l-Artikolu 202(1) u l-Artikoli 291 u 292 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Il-Protokoll ma għandux jiġi interpretat fis-sens li jagħti xi drittijiet jew jimponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament quddiem il-qrati jew it-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. ŽIGA

---

<sup>(1)</sup> Id-data minn meta l-Protokoll ser jiġi applikat b'mod proviżorju se tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.



**PROTOKOLL**

**ta' adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador**

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea",

u

L-UNJONI EWROPEA,

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-KOLOMBJA (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Kolombja"),

IR-REPUBBLIKA TAL-PERÙ (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Perù")

u

IR-REPUBBLIKA TAL-EKWADOR (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Ekwador"),

minn hawn 'il quddiem imsejħa wkoll il-"Pajjiżi Andini firmatarji",

min-naħa l-oħra,

BILLI l-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u l-Kolombja u l-Perù min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Ftehim"), ġie ffirmat fi Brussell fis-26 ta' Ġunju 2012, u wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu bdew japplikaw, skont l-Artikolu 330 tiegħu, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Perù mill-1 ta' Marzu 2013 u bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja mill-1 ta' Awwissu 2013;

BILLI t-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, ġie ffirmat fid-9 ta' Diċembru 2011 fi Brussell u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013;

BILLI l-Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Protokoll Addizzjonali") ġie ffirmat mill-Unjoni Ewropea, il-Kolombja u l-Perù fi Brussell fit-30 ta' Ġunju 2015;

BILLI, l-Artikolu 6 tal-Ftehim jipprevedi li, għall-finijiet tal-Ftehim, "Parti" tfisser l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fi ħdan l-oqsma rispettivi tal-kompetenzi tagħhom kif joħorġu mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Parti tal-UE"), jew kull wieħed mill-Pajjiżi Andini firmatarji;

BILLI l-Artikolu 7(1) tal-Ftehim jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim japplikaw għar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bilaterali bejn, minn naħa waħda, kull Pajjiż Andin firmatarju individwali u, min-naħa l-oħra, il-Parti tal-UE; imma mhux għar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-Pajjiżi Andini firmatarji individwali;

BILLI l-Artikolu 329 tal-Ftehim jistipula d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-adeżjoni ta' Pajjiżi Membri oħrajn tal-Komunità Andina mal-Ftehim;

BILLI l-Unjoni Ewropea u l-Ekwador ikkonkludew negozjati fis-17 ta' Lulju 2014,;

BILLI l-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit bis-saħħa tal-Ftehim ġie nnotifikat dwar il-konklużjoni tan-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ekwador fil-5 ta' Settembru 2014;

BILLI l-adeżjoni tal-Ekwador mal-Ftehim trid tidħol fis-seħħ permezz tal-konklużjoni ta' protokoll ta' adeżjoni;

BILLI għall-finijiet tal-adeżjoni tal-Ekwador mal-Protokoll Addizzjonali, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Addizzjonali għandhom ikunu integrati mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll;

BILLI t-test ta' dan il-Protokoll kien approvat mill-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit bis-saħħa tal-Ftehim, f'konformità mal-proċeduri u rekwiżiti tal-Artikolu 329(4) tal-Ftehim;

BILLI l-Partijiet qablu, għalhekk, li jindirizzaw l-adeżjoni tal-Ekwador mal-Ftehim permezz ta' dan il-Protokoll,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

TAQSIMA I

**PARTIJET KONTRAENTI**

*Artikolu 1*

L-Ekwador qiegħed b'dan isir Parti għall-Ftehim, inklużi l-emendi għalih stabbiliti fil-Protokoll Addizzjonali.

TAQSIMA II

**DISPOŻIZZJONIJIET TAL-FTEHIM**

*Artikolu 2*

It-titolu, il-lista ta' Pajjiżi Andini firmatarji, il-ħdax-il premessa u l-Artikoli 9, 11, 12, 13, 30, 41, 46, 48, 54, 57, 70, 78, 113, 120, 123, 124, 126, 127, 128, 137, 139, 142, 154, 167, 170, 202, 231, 232, 258, 278, 304 u 324 tal-Ftehim huma emendati skont l-Anness I għal dan il-Protokoll.

TAQSIMA III

**SKEDI TA' TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI**

*Artikolu 3*

1. It-test stabbilit fl-Anness II għal dan il-Protokoll jiżdied mat-Taqsima B tal-Appendiċi 1 tal-Anness I għall-Ftehim.
2. It-test stabbilit fl-Anness III għal dan il-Protokoll jiddaħħal wara l-“Iskeda ta' tneħħija tat-tariffi tal-Parti tal-UE għall-prodotti li joriġinaw mill-Perù” fl-Anness I għall-Ftehim.

*Artikolu 4*

1. It-test stabbilit fl-Anness IV għal dan il-Protokoll jiżdied mal-Appendiċi 1 tal-Anness I, għall-Ftehim.
2. It-test stabbilit fl-Anness V għal dan il-Protokoll jiddaħħal wara l-“Iskeda ta' tneħħija tat-tariffi tal-Perù għall-prodotti li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea” fl-Anness I għall-Ftehim.

*Artikolu 5*

It-titolu tat-Taqsima A tal-Appendiċi 2 tal-Anness I għall-Ftehim jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“IL-KOLOMBJA U L-EKWADOR”.

TAQSIMA IV

**REGOLI TAL-ORIĠINI**

*Artikolu 6*

L-Anness II għall-Ftehim huwa emendat skont l-Anness VI għal dan il-Protokoll.

## TAQSIMA V

**MIŻURI AGRIKOLI TA' SALVAGWARDJA***Artikolu 7*

It-test stabbilit fl-Anness VII għal dan il-Protokoll jżied mal-Anness IV tal-Ftehim.

## TAQSIMA VI

**MIŻURI SANITARJI U FITOSANITARJI***Artikolu 8*

L-Appendiċi 1 tal-Anness VI għall-Ftehim huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness VIII għal dan il-Protokoll.

*Artikolu 9*

Il-punti ta' kuntatt u siti elettroniċi għall-Ekwador li ġejjin jżiedu taħt "A. Punti ta' Kuntatt" u "B. Siti elettroniċi b'xejn" fl-Appendiċi 4 tal-Anness VI għall-Ftehim:

## A. Punti ta' Kuntatt

"Għall-Ekwador

Instituto Nacional de Pesca (INP)

Indirizz Postali: Letamendi 102 y La Ría, Guayaquil — Ecuador

Tel. +593 4 241 6042, 4 240 2304

E-mail: [direccion\\_inp@institutopesca.gob.ec](mailto:direccion_inp@institutopesca.gob.ec)

Agencia de Regulación, Control y Vigilancia Sanitaria (ARCSA)

Indirizz Postali: La Razón 280 y El Comercio, Edificio San Francisco, Quito — Ecuador

Tel. +593 2 292 1552, 2 226 3445

E-mail: [registro.cosmeticos@controlsanitario.gob.ec](mailto:registro.cosmeticos@controlsanitario.gob.ec)    [Registro.alimentos@controlsanitario.gob.ec](mailto:Registro.alimentos@controlsanitario.gob.ec)    Registro.  
[medicamentos@controlsanitario.gob.ec](mailto:medicamentos@controlsanitario.gob.ec)

Ministerio de Comercio Exterior (MCE)

Indirizz Postali: Av. De los Shyris N° 34-152 y Holanda, Quito — Ecuador

Tel. +593 2 393 5460

E-mail: [direccion.msf@comercioexterior.gob.ec](mailto:direccion.msf@comercioexterior.gob.ec)".

## B. Siti elettroniċi b'xejn

"Għall-Ekwador

[www.agrocalidad.gob.ec/](http://www.agrocalidad.gob.ec/)

[www.institutopesca.gob.ec](http://www.institutopesca.gob.ec)

[www.controlsanitario.gob.ec](http://www.controlsanitario.gob.ec)

[www.comercioexterior.gob.ec](http://www.comercioexterior.gob.ec)".

## TAQSIMA VII

## NEGOZJAR F'SERVIZZI, STABBILIMENT U KUMMERĊ ELETTRONIKU

*Artikolu 10*

It-Taqsima B tal-Anness VII għall-Ftehim hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness IX għal dan il-Protokoll.

*Artikolu 11*

It-test stabbilit fl-Anness X għal dan il-Protokoll jiżdied mal-Anness VII għall-Ftehim.

*Artikolu 12*

It-Taqsima B tal-Anness VIII għall-Ftehim hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness IX għal dan il-Protokoll.

*Artikolu 13*

It-test stabbilit fl-Anness XII għal dan il-Protokoll jiżdied mal-Anness VIII għall-Ftehim.

*Artikolu 14*

It-Taqsima B tal-Appendiċi 1 tal-Anness IX għall-Ftehim huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness XIII għal dan il-Protokoll.

*Artikolu 15*

It-test stabbilit fl-Anness XIV għal dan il-Protokoll jiżdied mal-Appendiċi 1 tal-Anness IX għall-Ftehim.

*Artikolu 16*

It-Taqsima B tal-Appendiċi 2 tal-Anness IX għall-Ftehim huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness XV għal dan il-Protokoll.

*Artikolu 17*

It-test stabbilit fl-Anness XVI għal dan il-Protokoll jiżdied mal-Appendiċi 2 tal-Anness IX ("Riżervi Rigward il-Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Finijiet ta' Negozju") tal-Ftehim.

*Artikolu 18*

Il-post għall-mistoqsijiet għall-Ekwador jiżdied mal-Anness X għall-Ftehim:

"L-EKWADOR  
Ministerio de Comercio Exterior  
Avenida de los Shyris N 34-152 y Holanda  
Edificio Shyris Center  
Quito, Ecuador  
E-mail: direccion.servicios@comercioexterior.gob.ec".

*Artikolu 19*

It-test stabbilit fl-Anness XVII għal dan il-Protokoll jiddaħħal wara l-Anness XI bħala l-Anness XIa għall-Ftehim.

## TAQSIMA VIII

**AKKWISTI PUBBLIĊI***Artikolu 20*

It-Taqsima B tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII tal-Ftehim hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness XVIII għal dan il-Protokoll.

*Artikolu 21*

It-test stabbilit fl-Anness XIX għal dan il-Protokoll jiżdied mal-Appendiċi 1 tal-Anness XII għall-Ftehim.

*Artikolu 22*

It-test li ġej jiżdied mal-Appendiċi 2 tal-Anness XII għall-Ftehim:

“4. L-Ekwador

Il-portal tal-akkwisti tal-Ekwador: <http://www.compraspublicas.gob.ec>”.

*Artikolu 23*

It-test li ġej jiżdied mal-Appendiċi 3 tal-Anness XII għall-Ftehim:

“4. L-Ekwador

Il-portal tal-akkwisti tal-Ekwador: <http://www.compraspublicas.gob.ec>”.

## TAQSIMA IX

**INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI***Artikolu 24*

It-test li ġej jiżdied mal-Appendiċi 1 tal-Anness XIII għall-Ftehim:

“(d) Indikazzjonijiet ġeografiki tal-Ekwador għal prodotti agrikoli u tal-ikel, inbejjed, spirti u nbejjed aromatizzati

Indikazzjoni Ġeografika	Prodott
Cacao Arriba	Kawkaw”.

## Artikolu 25

It-test li ġej jżied mal-Appendiċi 2 tal-Anness XIII għall-Ftehim:

“(c) Indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Ekwador għal prodotti għajr dawk agrikoli u tal-ikel, inbejjed, spirti u nbejjed aromatizzati

Indikazzjoni Ġeografika	Deskrizzjoni tal-Prodott
Montecristi	Artiġjanat — Kappell tat-tiben tal-palm toquilla”.

## TAQSIMA X

## DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

## Artikolu 26

Id-Dikjarazzjonijiet Konġunti mill-Ekwador u mill-Parti tal-UE stabbiliti fl-Anness XX għal dan il-Protokoll jiddaħħlu fil-Ftehim wara d-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kolombja, mill-Perù u mill-Parti tal-UE.

## TAQSIMA XI

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

## Artikolu 27

1. Dan il-Protokoll jiġi konkluż mill-Parti tal-UE u minn kull Pajjiż Andin firmatarju individwali skont il-proċeduri interni rispettivi tagħhom.
2. Il-Parti tal-UE u kull Pajjiż Andin firmatarju individwali jinnotifika bil-miktub it-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom kif meħtieġ għad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Protokoll lill-Partijiet kollha u lid-Depożitarju msemmi fil-paragrafu 5.
3. Dan il-Protokoll jidhul fis-seħħ bejn il-Parti tal-UE u kull Pajjiż Andin firmatarju individwali fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-wasla għand id-Depożitarju tal-aħħar notifikati msemmija fil-paragrafu 2 fir-rigward tal-parti UE tal-Pajjiż Andin firmatarju korrispondenti.
4. Minkejja l-paragrafu 3, il-Partijiet jaqblu li dan il-Protokoll, jista’ jiġi applikat b’mod provviżorju sakemm jitlestew il-proċeduri interni tal-Parti tal-UE għad-dħul fis-seħħ tiegħu. L-applikazzjoni provviżorja ta’ dan il-Protokoll bejn il-Parti tal-UE u kull Pajjiż Andin firmatarju individwali tibda fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-wasla għand id-Depożitarju ta’ dan li ġej:
  - (a) in-notifika tal-Parti tal-UE rigward it-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dak il-fini; u
  - (b) l-istrument ta’ ratifika ta’ kull Pajjiż Andin firmatarju individwali skont il-proċeduri u l-leġiżlazzjoni applikabbli tiegħu.
5. In-notifika jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li jaġixxi bħala Depożitarju ta’ dan il-Protokoll.
6. Meta, f’konformità mal-paragrafu 4, tiġi applikata dispożizzjoni tal-Ftehim mill-Partijiet sakemm jidhul fis-seħħ dan il-Ftehim, kwalunkwe referenza f’din id-dispożizzjoni sad-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Protokoll tinftiehem li tirreferi għad-data li minnha l-Partijiet jaqblu li japplikaw dik id-dispożizzjoni f’konformità mal-paragrafu 4.

*Artikolu 28*

Dan il-Protokoll jitħejja f'erba' kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Inġliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża, kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

*Artikolu 29*

Dan il-Protokoll jifforma parti integrali mill-Ftehim.

L-Annessi għal dan il-Protokoll jifformaw parti integrali tiegħu.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenżjarji ffirmati hawn taħt, debitament awtorizzati għal dan l-effett, iffirmap dan il-Protokoll.

Съставено в Брюксел на единадесети ноември през две хиляди и шестнадесета година.

Hecho en Bruselas, el once de noviembre de dos mil dieciséis.

V Bruselu dne jedenáctého listopadu dva tisíce šestnáct.

Udfærdiget i Bruxelles den ellefte november to tusind og seksten.

Geschehen zu Brüssel am elften November zweitausendsechzehn.

Kahe tuhande kuueistkümnenda aasta novembrikuu üheteistkümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις ένδεκα Νοεμβρίου δύο χιλιάδες δεκαέξι.

Done at Brussels on the eleventh day of November in the year two thousand and sixteen.

Fait à Bruxelles, le onze novembre deux mille seize.

Sastavljeno u Bruxellesu jedanaestog studenoga godine dvije tisuće šesnaeste.

Fatto a Bruxelles, addì undici novembre duemilasedici.

Briselē, divi tūkstoši sešpadsmitā gada vienpadsmitajā novembrī.

Priimta du tūkstančiai šešioliktą metų lapkričio vienuoliką dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétézer-tizenhatodik év november havának tizenegyedik napján.

Magħmul fi Brussell, fil-ħdax-il jum ta' Novembru fis-sena elfejn u sittax.

Gedaan te Brussel, elf november tweeduizend zestien.

Sporządzono w Brukseli dnia jedenastego listopada roku dwa tysiące szesnastego.

Feito em Bruxelas, em onze de novembro de dois mil e dezasseis.

Întocmit la Bruxelles la unsprezece noiembrie două mii șaisprezece.

V Bruseli jedenásteho novembra dvetisícšestnást.

V Bruslju, dne enajstega novembra leta dva tisoč šestnajst.

Tehty Brysselissä yhdenentoista päivänä marraskuuta vuonna kaksituhattakuusitoista.


Som skedde i Bryssel den elfte november år tjugohundrasexton.



Voor het Koninkrijk België

Pour le Royaume de Belgique

Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens de Vlaamse Gemeenschap, de Franse Gemeenschap, de Duitstalige Gemeenschap, het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.


Cette signature engage également la Communauté française, la Communauté flamande, la Communauté germanophone, la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

Diese Unterschrift bindet zugleich die Deutschsprachige Gemeinschaft, die Flämische Gemeinschaft, die Französische Gemeinschaft, die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.

За Република България



Za Českou republiku




For Kongeriget Danmark



Für die Bundesrepublik Deutschland



Eesti Vabariigi nimel




Thar cheann Na hÉireann

For Ireland



Για την Ελληνική Δημοκρατία



Por el Reino de España



Pour la République française




Za Republiku Hrvatsku




Per la Repubblica italiana



Για την Κυπριακή Δημοκρατία



Latvijas Republikas vārdā –




Lietuvos Respublikos vardu



Pour le Grand-Duché de Luxembourg



Magyarország részéről




Għar-Repubblika ta' Malta




Voor het Koninkrijk der Nederlanden




Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej




Pela República Portuguesa



Pentru România



Za Republiko Slovenijo




Za Slovenskú republiku



Suomen tasavallan puolesta

För Republiken Finland




För Konungariket Sverige



For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland




За Европейския съюз  
Por la Unión Europea  
Za Evropskou unii  
For Den Europæiske Union  
Für die Europäische Union  
Euroopa Liidu nimel  
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση  
For the European Union  
Pour l'Union européenne  
Za Europsku uniju  
Per l'Unione europea  
Eiropas Savienības vārdā –  
Europos Sąjungos vardu  
Az Európai Unió részéről  
Għall-Unjoni Ewropea  
Voor de Europese Unie  
W imieniu Unii Europejskiej  
Pela União Europeia  
Pentru Uniunea Europeană  
Za Európsku úniu  
Za Evropsko unijo  
Euroopan unionin puolesta  
För Europeiska unionen



Por la República de Colombia



Por la República del Perú



Por la República del Ecuador



## ANNEX I

Il-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra huwa emendat kif ġej:

- (1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Ftehim Kummerċjali

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra”.

- (2) il-lista ta' Pajjiżi Andini firmatarji hija sostitwita b'dan li ġej:

“IR-REPUBBLIKA TAL-KOLOMBJA (minn hawn 'il quddiem imsejħa “il-Kolombja”),

IR-REPUBBLIKA TAL-PERÙ (minn hawn 'il quddiem imsejħa “il-Perù”)

u

IR-REPUBBLIKA TAL-EKWADOR (minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-Ekwador”),

minn hawn 'il quddiem imsejħa wkoll “il-Pajjiżi Andini firmatarji”,

min-naħa l-oħra,”.

- (3) il-ħdax-il rremessa hija sostitwita b'dan li ġej:

“FILWAQT LI TIĠI KKUNSIDRATA d-differenza fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali fost il-Pajjiżi Andini kif ukoll bejn il-Pajjiżi Andini firmatarji u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha;”.

- (4) fl-Artikolu 9(1), il-kliem “għat-territorji tal-Kolombja u l-Perù” huwa sostitwiti bil-kliem “għat-territorji tal-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador”.

- (5) fl-Artikolu 11, il-ħames inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

“— “persuna” tfisser persuna fiżika <sup>(3a)</sup> jew ġuridika.

<sup>(3a)</sup> fil-Liġi tal-Ekwador, “persuna fiżika” (“*persona fisica*”) hija msemmija bħala “persuna naturali” (“*persona natural*”).”.

- (6) fl-Artikolu 12, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiltaqa' fuq bażi rotatorja, f'Bogota, Brussell, Lima, u Quito sakemm il-Partijiet ma jiftiehmux mod ieħor. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu ikun ippresedut minn kull Parti għal perjodu ta' sena, fuq bażi rotatorja.”.

- (7) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jeżamina l-impatt ta' dan il-Ftehim fuq l-impriżi mikro, żgħar u medji (minn hawn 'il quddiem imsejħa “Mikro u SMEs”) tal-Partijiet <sup>(4a)</sup>, inklużi kwalunkwe benefiċċji li jirriżultaw.

<sup>(4a)</sup> Fil-każ tal-Ekwador, dan l-eżami jista' jinkludi l-impatt fuq Actores de la Economía Popular y Solidaria (“AEPYS”) (Partijiet Ikkonċernati tal-Ekonomija Popolari u Solidali).”.

- (8) fl-Artikolu 30, is-subparagrafu (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) il-Kolombja u l-Ekwador jistgħu japplikaw is-Sistema Andina tal-Firxa tal-Prezzijiet stabbilita fid-Deċiżjoni 371 tal-Komunità Andina u l-modifiki tagħha, jew sistemi sussegwenti għall-prodotti agrikoli koperti minn tali Deċiżjoni;”.

- (9) l-Artikolu 41 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 41

### **Awtoritajiet li Jinvestigaw**

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, “awtorità li tinvestiga” tfisser:

- (a) fir-rigward tal-Kolombja, il-Ministeru tal-Kummerċ, l-Industrija u t-Turiżmu, jew is-suċċessur tiegħu;

- (b) fir-rigward tal-Perù, l-Istitut Nazzjonali għad-Difiża tal-Kompetizzjoni u l-Ħarsien tal-Proprietà Intellettuali, jew is-suċċessur tiegħu;
- (c) fir-rigward tal-Ekwador, il-Ministeru tal-Kummerċ Barrani, jew is-suċċessur tiegħu; u
- (d) fir-rigward tal-Parti tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea.”.

(10) l-Artikolu 46 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 46

#### **Awtorità li Tinvestiga**

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, “awtorità li tinvestiga” tfisser:

- (a) fir-rigward tal-Kolombja, il-Ministeru tal-Kummerċ, l-Industrija u t-Turiżmu, jew is-suċċessur tiegħu;
- (b) fir-rigward tal-Perù, l-Istitut Nazzjonali għad-Difiża tal-Kompetizzjoni u l-Ħarsien tal-Proprietà Intellettuali;
- (c) fir-rigward tal-Ekwador, il-Ministeru tal-Kummerċ Barrani, jew is-suċċessur tiegħu; u
- (d) fir-rigward tal-Parti tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea.”.

(11) fl-Artikolu 48, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Minkejja t-Taqsima 2 (Miżuri ta' Salvagwardja Multilaterali), jekk bħala riżultat tal-konċessjonijiet skont dan il-Ftehim, prodott li joriġina f'Parti jkun qed jiġi importat fit-territorju ta' Parti oħra ftali kwantitajiet miżjuda, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni domestika, u taħt tali kundizzjonijiet li joħloq jew jhedded li joħloq dannu serju lill-produtturi domestiċi <sup>(9a)</sup> ta' prodotti simili jew direttament kompetittivi, il-Parti li timporta tista' tadotta miżuri xierqa taħt il-kundizzjonijiet u skont il-proċeduri stabbiliti f'din it-Taqsima.

<sup>(9a)</sup> Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, fir-rigward tal-Ekwador, dannu serju jew theddida ta' dannu serju lill-produtturi domestiċi għandhom jinftiehem wkoll bħala dannu serju jew theddida ta' dannu serju f'industrija minuri.”.

(12) fl-Artikolu 54, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Jekk il-konsultazzjonijiet taħt il-paragrafu 1 ma jirriżultawx fi ftehim dwar kumpens fi żmien 30 jum mill-offerta sabiex issir konsultazzjoni, u l-Parti li timporta tiddeċiedi li testendi l-miżura ta' salvagwardja, il-Parti li l-prodotti tagħha huma soġġetti għall-miżura ta' salvagwardja tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' konċessjonijiet sostanzjalment ekwivalenti għall-kummerċ tal-Parti li tkun qiegħda testendi l-miżura. <sup>(10a)</sup>

<sup>(10a)</sup> Fir-rigward tal-Ekwador, kumpens fil-forma ta' konċessjonijiet jew is-sospensjoni ta' konċessjonijiet sostanzjalment ekwivalenti għandha sseħħ biss wara li l-miżura ta' salvagwardja bilaterali tkun ġiet applikata għal tliet snin.”.

(13) l-Artikolu 57 tal-Ftehim huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 57

#### **Awtorità Kompetenti**

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, “awtorità kompetenti” tfisser:

- (a) għall-Kolombja, il-Ministeru tal-Kummerċ, l-Industrija u t-Turiżmu, jew is-suċċessur tiegħu;
- (b) għall-Perù, il-Ministeru għall-Kummerċ Barrani u t-Turiżmu, jew is-suċċessur tiegħu;
- (c) għall-Ekwador, il-Ministeru għall-Kummerċ Barrani, jew is-suċċessur tiegħu; u
- (d) għall-Parti tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea.”.



(14) l-Artikolu 70 tal-Ftehim huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 70

### Implimentazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 59, subparagrafu 2(f), u l-Artikolu 60 għandhom japplikaw għall-Perù sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 60, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jikkonċernaw deċiżjonijiet bil-quddiem dwar il-klassifikazzjoni tat-tariffi, u l-Artikolu 62 għandhom japplikaw għall-Ekwador sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta' Adeżjoni għal dan il-Ftehim biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador.”.

(15) fl-Artikolu 78, is-subparagrafu (1a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) wara l-aċċettazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' konformità mill-fornitur <sup>(11a)</sup>;

<sup>(11a)</sup> l-Ekwador għandu jirrikonoxxi awtodikjarazzjoni mingħand il-fornitur li l-prodott jikkonforma mar-regolamenti tekniċi tal-Unjoni Ewropea bħala prova suffiċjenti ta' konformità mar-regolamenti tekniċi tal-Ekwador. Din il-forma ta' rikonoxximent għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-parti tal-UE u l-Ekwador jiftiehm fuq alternattiva biex tinbidel fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ.”.

(16) fl-Artikolu 113, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3a. Fis-setturi li għalihom l-impenji tal-aċċess għas-swieq huma mniżżla fl-Anness VII (Listi ta' Impenji dwar l-Istabiliment) mill-Ekwador, u li huma soġġetti għal kwalunkwe kundizzjoni u kwalifika stabbiliti f'dak il-pajjiż, l-Ekwador għandu jagħti lill-istabilimenti u l-investituri tal-Parti tal-UE, fir-rigward tal-miżuri kollha li jaffettwaw l-istabiliment, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li jagħti lill-istabilimenti u l-investituri simili tiegħu.”.

(17) fl-Artikolu 120, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3a. Fis-setturi fejn l-impenji tal-aċċess għas-swieq huma mniżżla fl-Anness VIII (Listi ta' Impenji dwar il-Provvista Transfruntieri ta' Servizzi) mill-Ekwador, u li huma soġġetti għal kwalunkwe kundizzjoni u kwalifika stabbiliti f'dak il-pajjiż, l-Ekwador għandu jagħti lis-servizzi u l-fornituri tas-servizzi tal-Parti tal-UE, fir-rigward tal-miżuri kollha li jaffettwaw il-provvista transfruntieri ta' servizzi, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li jagħti lis-servizzi u l-fornituri tas-servizzi simili tiegħu.”.

(18) fl-Artikolu 123, is-subparagrafu (b) tas-sitt inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) “speċjalisti” tfisser persuni li jaħdmu fl-ambitu ta' persuna ġuridika li jkollhom għarfien mhux komuni li jkun essenzjali għall-attività, it-tagħmir tar-riċerka, it-tekniki, il-proċessi, il-proċeduri jew il-ġestjoni tal-istabiliment. Meta jkun qed jiġi vvalutat għarfien bħal dan, għandu jiġi kkunsidrat mhux biss l-għarfien speċifiku għall-istabiliment, iżda wkoll jekk il-persuna jkollhiex livell għoli ta' kwalifika fir-rigward ta' tip ta' xogħol jew kummerċ li jirrikjedu għarfien tekniċu speċifiku, inkluża s-sħubija ta' professjoni akkreditata <sup>(33a)</sup>;

<sup>(33a)</sup> Il-parti tal-UE tirrikonoxxi li s-sħubija fi professjoni akkreditata mhijiex obligatorja fl-Ekwador.”.

(19) fl-Artikolu 124(1), it-test fn-nota f'qiegħ il-paġna <sup>(35)</sup> huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(35) Għall-Kolombja u l-Ekwador, it-tul massimu ta' soġġorn għall-impjegati trasferiti bejn il-kumpaniji huwa ta' sentejn, rinnovabbli għal sena addizzjonali. Għall-Perù, il-kuntratt tax-xogħol jista' jasal sa tliet snin. Madankollu, it-tul ta' soġġorn għall-impjegati trasferiti bejn il-kumpaniji jasal sa sena, li jista' jiġġedded bil-kundizzjoni li l-kundizzjonijiet li jkun mmoventaw l-għotja tat-tiġdid jinżammu.”.

(20) fl-Artikolu 126, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3a. L-Ekwador u l-Parti tal-UE għandhom jippermettu l-provvista ta' servizzi fit-territorju tagħhom permezz tal-preżenza ta' persuni fiżiċi, permezz ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali tal-Parti tal-UE u l-Ekwador rispettivament skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 5 u fl-Appendiċi 2 tal-Anness IX (Riżervi Dwar il-Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Finijiet tan-Negożju) għal kull wieħed mis-setturi li ġejjin:

(a) servizzi konsultattivi legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi barranija; fil-każ tal-Parti tal-UE, il-liġi tal-UE ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala dritt internazzjonali pubbliku jew liġi barranija;

(b) servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba;

- (c) servizzi arkitettoniċi;
- (d) servizzi ta' ppjanar urbanistiku u arkitettura tal-pajsaġġ;
- (e) servizzi ta' inġinerija;
- (f) servizzi ta' inġinerija integrata;
- (g) servizzi mediċi (inklużi l-psikologi) u dentali;
- (h) servizzi veterinarji;
- (i) servizzi ta' informatika u dawk relatati;
- (j) riċerka tas-suq u sħarriġ tal-opinjoni;
- (k) servizzi ta' konsulenza dwar il-maniġment;
- (l) servizzi konnessi mal-konsulenza dwar il-maniġment;
- (m) servizzi ta' disinn;
- (n) inġinerija kimika, farmaċewtiċi, u fotokimika;
- (o) servizzi fit-teknoloġija kożmetika;
- (p) servizzi speċjalizzati fit-teknoloġija, l-inġinerija, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ għas-settur awtomottiv;
- (q) servizzi tad-disinn kummerċjali u l-kummerċjalizzazzjoni għall-industrija tat-tessuti tal-moda, il-ħwejjeġ, ix-xedd is-saqajn u l-oġġetti; u
- (r) il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir, inkluż it-tagħmir tat-trasport b'mod speċjali fil-kuntest ta' kuntratt ta' servizzi ta' wara l-bejgħ jew servizzi ta' wara l-kiri.”.

(21) fl-Artikolu 127, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3a. Il-Perù u l-Parti tal-UE għandhom jippermettu l-provvista ta' servizzi fit-territorju taġġhom minn professjonisti indipendenti tal-Parti tal-UE u l-Ekwador rispettivament permezz tal-preżenza ta' persuni fiżiċi, skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 4 u fl-Appendiċi 2 tal-Anness IX (Riżervi Dwar il-Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Finijiet tan-Negozju) għal kull wieħed mis-setturi li ġejjin:

- (a) servizzi ta' konsulenza legali rigward id-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi barranija (fil-każ tal-Parti tal-UE, il-liġi tal-UE ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala dritt internazzjonali pubbliku jew liġi barranija);
- (b) servizzi arkitettoniċi;
- (c) servizzi ta' inġinerija;
- (d) servizzi ta' inġinerija integrata;
- (e) servizzi ta' informatika u dawk relatati;
- (f) riċerka tas-suq u sħarriġ tal-opinjoni;
- (g) servizzi ta' konsulenza dwar il-maniġment;
- (h) servizzi konnessi mal-konsulenza dwar il-maniġment; u
- (i) servizzi speċjalizzati fit-teknoloġija, l-inġinerija, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ għas-settur awtomottiv.”.

(22) l-Artikolu 128(1), it-test fin-nota f'qiegħ il-paġna <sup>(39)</sup> huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(39) L-attivitajiet elenkati taħt is-subparagrafi (c) u (d) japplikaw biss bejn il-Kolombja u l-Parti tal-UE, u l-Ekwador u l-Parti tal-UE, rispettivament.”.

(23) fl-Artikolu 137(1), it-test fin-nota fqiegħ il-paġna <sup>(41)</sup> huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(41) Fil-Kolombja, l-operatur jew konċessjonarju postali uffiċjali huwa persuna ġuridika li tforri s-servizz postali universali taħt kuntratt ta' konċessjoni. Is-servizzi postali li jifdal huma soġġetti għal reġim ta' liċenzjar imħaffef amministrat mill-Ministeru tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjonijiet. Fil-Perù, l-operatur postali deżinjat huwa persuna ġuridika li taħt konċessjoni mogħtija mil-liġi, u mingħajr esklużività, għandha l-obbligu li tforri s-servizz postali fil-pajjiż kollu. Is-servizzi postali l-oħra huma soġġetti għal reġim ta' permess mogħti mill-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet. Fl-Ekwador, l-operatur postali uffiċjali jipprovdi servizzi postali universali fil-pajjiż kollu taħt liċenzja mogħtija mil-liġi, u mingħajr l-ebda esklużività. Is-servizzi postali li jifdal huma soġġetti għal reġim ta' reġistrazzjoni tal-permessi amministrat mill-Aġenzija Postali Nazzjonali.”.

(24) l-Artikolu 139 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 139

### Ambitu tal-Applikazzjoni

Din it-Taqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, minbarra x-xandir <sup>(43)</sup>, magħmula skont il-Kapitoli 2 (Stabbiliment), 3 (Servizzi tal-Provvista Transfruntieri) u 4 (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Finijiet tan-Negozju). <sup>(44)</sup> <sup>(45)</sup> <sup>(45a)</sup>.

<sup>(43)</sup> “Xandir” hija definita bħala l-katina ta' trażmissjoni mingħajr interruzzjonijiet meħtieġa għad-distribuzzjoni tas-sinjali tal-programmi tat-televiżjoni u r-radju lill-pubbliku ġenerali, iżda ma tkoprix il-konnessjonijiet ta' kontribuzzjoni bejn l-operaturi.

<sup>(44)</sup> Bejn il-Parti UE u l-Perù, din it-Taqsima għandha tapplika biss għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni offruti lill-pubbliku ġenerali li jinvolvu t-trażmissjoni fil-ħin reali ta' informazzjoni mogħtija mill-klijenti bejn żewġ punti jew iżjed mingħajr bdil minn tarf sa tarf fil-forma jew il-kontenut tal-informazzjoni tal-klijenti.

<sup>(45)</sup> Bejn il-Parti UE u l-Kolombja, din it-Taqsima għandha tapplika wkoll għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni bil-valur miżjud. Għal iktar ċertezza u għall-finijiet ta' din it-Taqsima u l-Anness VII (Listi ta' Impenji dwar l-Istabbiliment) u l-Anness VIII (Lista ta' Impenji dwar il-Provvista Transkonfini ta' Servizzi) għall-Kolombja u l-Parti UE, “servizzi ta' telekomunikazzjoni bil-valur miżjud” huma servizzi tat-telekomunikazzjoni li għalihom il-fornituri “iżidu valur” għall-informazzjoni tal-klijent billi jtejbu l-forma jew il-kontenut tagħha jew billi jipprovdu l-ħżin u l-irkupru tagħha.

<sup>(45a)</sup> Bejn il-Parti tal-UE u l-Ekwador, din it-Taqsima għandha tapplika wkoll għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni bil-valur miżjud. Għal iktar ċertezza u għall-finijiet ta' din it-Taqsima u l-Anness VII (Lista ta' Impenji dwar l-Istabbiliment) u l-Anness VIII (Lista ta' Impenji dwar il-Provvista Transfruntieri ta' Servizzi), għall-Ekwador u l-Parti tal-UE, “servizzi ta' telekomunikazzjoni bil-valur miżjud” huma servizzi tat-telekomunikazzjoni li għalihom il-fornituri “jżidu valur” għall-informazzjoni tal-klijent billi jtejbu l-forma jew il-kontenut tagħha jew billi jipprovdu l-ħżin u l-irkupru tagħha.”.

(25) fl-Artikolu 142 it-test fin-nota fqiegħ il-paġna <sup>(49)</sup> huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(49) Dan l-Artikolu mhuwiex parti mill-impenji meħuda bejn il-Perù u l-Parti tal-UE skont dan il-Ftehim mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni domestika ta' kull Parti. Għall-Kolombja u l-Parti tal-UE, u l-Ekwador u l-Parti tal-UE, rispettivament, dan l-Artikolu għandu japplika biss għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni li jinvolvu t-trażmissjoni fil-ħin reali ta' informazzjoni mogħtija mill-klijenti bejn żewġ punti jew iżjed mingħajr kwalunkwe bdil minn tarf sa tarf fil-forma jew il-kontenut tal-informazzjoni tal-klijent.”.

(26) fl-Artikolu 154(1) it-test introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Minkejja dispożizzjonijiet oħra ta' dan it-Titolu jew it-Titolu V (Ħlas u Movimenti Kurrenti ta' Kapital), Parti tista' tadotta jew iżżomm għal raġunijiet ta' prudenza <sup>(52a)</sup>, miżuri bħal:

<sup>(52a)</sup> It-terminu “raġunijiet prudenzjali” jista' jinkludi ż-żamma tas-sigurtà, is-solidità, l-integrità jew ir-responsabbiltà finanzjarja ta' fornituri ta' servizzi finanzjarji individwali.”.

(27) fis-subparagrafu (1)(e) tal-Artikolu 167, n-nota fqiegħ il-paġna <sup>(55)</sup> huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(55) Għal iktar ċertezza, fil-każ tal-Perù u l-Ekwador, l-eżekuzzjoni ta' miżuri li jimpedixxu trasferiment monetarju permezz tal-applikazzjoni ekwa, nondiskriminatorja u ta' rieda tajba tal-Liġijiet Peruvjani u Ekwadorjani konnessi ma':

(a) bankarotta, insolvenza, jew il-ħarsien tad-drittijiet tal-kredituri;

- (b) ħruġ, kummerċ, jew negozjar f'titoli ta' sigurtà, futuri, għażliet, jew derivattivi;
- (c) reati kriminali jew penali;
- (d) rapporti finanzjarji jew żamma ta' dokumenti ta' trasferimenti meta jkun meħtieġ biex jassistu l-infurzar tal-liġi jew l-awtoritajiet finanzjarji regolatorji; jew
- (e) l-iżgurar ta' konformità ma' ordnijiet jew deċiżjonijiet ġuridiċi jew amministrattivi fi proċedimenti ġuridiċi jew amministrattivi,

ma għandhiex iġi kkonsiderata inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dan it-*Titlu* u *t-Titlu V* (*Pagamenti Attwali u Movimenti Kapitali*).”.

(28) L-Artikolu 170 tal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Fil-każ tal-Ekwador, fejn, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-ħlasijiet u l-moviment ta' kapital joħlqu, jew jheddu li joħlqu, diffikultajiet serji għal-likwidità tal-ekonomija Ekwadorjana, l-Ekwador tista' tadotta miżuri ta' salvagwardja fir-rigward tal-moviment ta' kapital għal perjodu li ma jaqbiżx is-sena. Dawn il-miżuri ta' salvagwardja jistgħu jinżammu lil hinn minn perjodu ta' żmien bħal dan għal raġunijiet ġustifikati meta jkun meħtieġ li jiġu superati ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jkunu wasslu għall-applikazzjoni tagħhom. F'eventwalità bħal din, l-Ekwador għandu jippreżenta minn qabel lill-Partijiet l-oħra r-raġunijiet li jiġġustifikaw iż-żamma tagħhom.”.

(b) il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“4. Il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 2a taħt l-ebda ċirkostanza ma jistgħu jintużaw bħala mezz għall-ħarsien kummerċjali jew għall-fini ta' ħarsien ta' industrija partikolari.

5. Parti li tadotta jew iżżomm miżuri ta' salvagwardja skont il-paragrafi 1, 2, 2a jew 3 għandha minnufih tgħarraf lill-Partijiet l-oħra bir-relevanza u l-ambitu tagħhom, u tippreżenta, malajr kemm jista' jkun, skeda għat-tneħħija tagħhom.”.

(29) fl-Artikolu 202, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“2. L-Unjoni Ewropea u l-Kolombja għandhom jaċċedu għall-Protokoll li jirrigwarda l-Ftehim ta' Madrid dwar ir-Reġistrazzjoni Internazzjonali tal-Marki adottat f'Madrid fis-27 ta' Ġunju 1989 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Protokoll ta' Madrid”) fi żmien 10 snin mill-firma ta' dan il-Ftehim. Il-Perù u l-Ekwador għandhom jagħmlu l-isforzi kollha raġonevoli sabiex jaderixxu mal-Protokoll ta' Madrid.

3. L-Ujoni Ewropea u l-Perù għandhom jagħmlu l-isforzi kollha raġonevoli sabiex jikkonformaw mat-Trattat dwar il-Liġi tat-Trademarks adottat f'Ġinevra fis-27 ta' Ottubru 1994 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-“Trattat tal-Liġi tat-Trademarks”). Il-Kolombja u l-Ekwador għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha sabiex jaderixxu mat-Trattat tal-Liġi tat-Trademarks.”.

(30) l-Artikolu 231 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-test tan-nota f'qiegħ il-paġna <sup>(72)</sup> huwa sostitwit b'dan li ġej

“(72) Għall-Kolombja u l-Parti tal-UE, dan il-ħarsien għandu jinkludi l-ħarsien tad-dejta tal-prodotti bijoloġiċi u bijoteknoloġiċi. Għall-Perù u l-Ekwador, il-ħarsien tal-informazzjoni mhux żvelata ta' prodotti bħal dawn għandu jingħata kontra l-iżvelar u l-prattiki li huma kuntrarji għall-prattiki kummerċjali onesti, skont l-Artikolu 39.2 tal-Ftehim TRIPS, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni speċifika ta' dan.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Skont il-paragrafu 1, u soġġett għall-paragrafu 4, meta Parti tirrikjedi, bħala kundizzjoni għall-approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi jew ta' prodotti kimiċi agrikoli li fihom ikun hemm ċerti kwantitajiet kimiċi ġodda, is-sottomissjoni tat-test mhux żvelat jew ta' dejta oħra relatata mas-sigurtà u l-effikaċja, dik il-Parti għandha taġhti perjodu ta' esklussività li normalment ikun ta' ħames snin mid-data tal-approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni fit-territorju ta' dik il-Parti għall-prodotti farmaċewtiċi, u 10 snin għall-prodotti agrikoli kimiċi, perjodu li fih parti terza ma tistax tikkummerċjalizza prodott ibbażat fuq dejta bħal din, sakemm huwa/hija j/tippreżenta evidenza tal-kunsens espliċitu tad-detentur tal-informazzjoni mħarsa jew id-dejta tat-test tiegħu/tagħha <sup>(72a)</sup>.”.

<sup>(72a)</sup> Din id-dispożizzjoni għandha tapplika fir-rigward tal-Ekwador ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta' Adeżjoni għal dan il-Ftehim biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador.”.

(31) l-Artikolu 232 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 232

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jipromwovu u jiżguraw il-ħarsien tal-varjetajiet tal-pjanti bbażat fuq il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (minn hawn 'il quddiem imsejħa “Konvenzjoni UPOV”), kif ġiet riveduta fid-19 ta' Marzu 1991 <sup>(72b)</sup>, inkluża l-eċċezzjoni opzjonali għad-dritt tan-nissiel kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) ta' din il-Konvenzjoni.

<sup>(72b)</sup> Fil-mument tal-iffirmar tal-Protokoll ta' Adeżjoni għal dan il-Ftehim biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador, il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti tat-2 ta' Diċembru 1961, kif riveduta fit-23 ta' Ottubru 1978, hija fis-seħħ fl-Ekwador.”

(32) fl-Artikolu 258, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu:

— “liġijiet tal-kompetizzjoni” tfisser:

(a) għall-Parti tal-UE, l-Artikoli 101, 102 u 106 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-Għaqdiet tal-KE), u r-regolamenti u l-emendi tal-implimentazzjoni tagħhom;

(b) għall-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù, dan li ġej, skont kif xieraq:

(i) liġijiet domestiċi relatati mal-kompetizzjoni <sup>(76a)</sup> adottati jew miżmuma b'konformità mal-Artikolu 260, u r-regolamenti u l-emendi tal-implimentazzjoni tagħhom; u/jew

(ii) Leġiżlazzjoni tal-Komunità Andina li tapplika fil-Kolombja, l-Ekwador jew il-Perù u r-regolamenti u l-emendi tal-implimentazzjoni tagħha;

— “awtorità tal-kompetizzjoni” u “awtoritajiet tal-kompetizzjoni” jfissru:

(a) għall-Parti tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea; u,

(b) għall-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom.

<sup>(76a)</sup> Għall-Ekwador, l-Artikolu 336 Constitución de la Republica del Ecuador (Il-Kostituzzjoni tal-Ekwador) li jistabbilixxi l-obbligu għall-Istat li jiżgura t-trasparenza u l-effiċjenza fis-swieq u jrawwem il-kompetizzjoni, u Ley Orgánica de Regulación y Control del Poder de Mercado (Liġi Organika dwar ir-Regolamentazzjoni u l-Kontroll tal-Forzi tas-Suq).”

(33) fl-Artikolu 278 tal-Ftehim it-test fin-nota fqiegħ il-paġna <sup>(81)</sup> huwa sostitwit b'dan li ġej:

“<sup>(81)</sup> Il-Perù u l-Ekwador jinterpretaw dan l-Artikolu fl-isfond tal-Prinċipju 15 tad-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp.”

(34) l-Artikolu 304 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jistabbilixxi fl-ewwel laqgħa tiegħu lista ta' 30 individwu li jkunu lesti u kapaċi li jagħmluha ta' arbitri.”

(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jistabbilixxi, barra minn hekk, listi addizzjonali ta' 15-il individwu b'esperjenza settorjali dwar suġġetti speċifiċi koperti minn dan il-Ftehim.”

(35) fl-Artikolu 324, is-subparagrafi (2)(d) u 2(e) tal-Ftehim huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(d) jissaħħu l-kapaċitajiet kummerċjali u istituzzjonali f'dan il-qasam, għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim <sup>(88a)</sup> u sabiex jiġi sfruttat kemm jista' jkun; u

(e) jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' kooperazzjoni identifikati f'partijiet oħra ta' dan il-Ftehim <sup>(88b)</sup>.

<sup>(88a)</sup> L-Ekwador jenfasizza li dawn l-inizjattivi għandhom jikkontribwixxu wkoll għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni u għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tal-Partijiet.

<sup>(88b)</sup> F'dan il-kuntest, l-Ekwador jenfasizza l-importanza li jiġu kkunsidrati wkoll proġetti relatati mal-Kapitolu 4 tat-  
Titolu III ta' dan il-Ftehim.”.

---

## ANNEX II

## "SUBTAQSIMA 3

## SKEDA TAT-TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI TAL-PARTI TAL-UE GĦALL-PRODOTTI LI JORIĠINAW FL-EKWADOR

1. Ir-rata bażi tad-dazju u l-kategorija tal-fażi għad-determinazzjoni tar-rata interim tad-dazju f'kull stadju tat-tnaqqis huma indikati għal kull linja tariffarja fl-Iskeda għat-Tneħħija tat-Tariffi tal-Parti tal-UE inkluża f'din is-Subtaqsima (minn hawn 'il quddiem imsemmija "l-Iskeda").
2. Għall-finijiet tat-tneħħija tad-dazji, ir-rati tad-dazji tal-istadji jiġu mnaqqsa għal mill-inqas l-eqreb deċimu ta' punt perċentwali jew, jekk ir-rata tad-dazju tkun espressa f'unitajiet monetarji, għallinqas sal-eqreb deċimu ta' euro.
3. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, "l-ewwel sena" tfisser dik is-sena li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, kif stipulat fl-Artikolu 330 (Dħul fis-Seħħ) ta' dan il-Ftehim.
4. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima, kull tnaqqis annwali mit-tieni sena 'l quddiem għandu jibda jseħħ mill-1 ta' Jannar tas-sena rilevanti.
5. Jekk id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jaħbat f'data wara l-1 ta' Jannar u qabel il-31 ta' Diċembru tal-istess sena, il-kwantità fi ħdan il-kwota tkun maħduma pro-rata fuq bażi proporzjonali għaż-żmien li jifdal ta' dik is-sena kalendarja.

## A. Tneħħija tat-Tariffi

Ħlief fejn stipulat mod ieħor fl-Iskeda, il-kategoriji li ġejjin għandhom japplikaw għat-tneħħija tad-dazji mill-Parti tal-UE skont l-Artikolu 22 (Tneħħija tad-Dazji) tat-Titolu III (Kummerċ ta' Prodotti) ta' dan il-Ftehim:

- (a) id-dazji fuq il-prodotti li joriġinaw mill-Ekwador (minn hawn 'il quddiem imsemmija "prodotti li joriġinaw") li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi (minn hawn 'il quddiem imsemmija "kategorija") "0" tal-Iskeda għandhom jiġu eliminati kompletament, u dawn il-merkanziji għandhom ikunu ħielsa minn kull dazju fid-data ta' meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ;
- (b) id-dazji fuq il-prodotti li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "3" tal-Iskeda għandhom jitneħħew f'erba' stadji annwali ndaqs li jibdeu fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tar-raba' sena;
- (c) id-dazji fuq il-prodotti li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "5" tal-Iskeda għandhom jitneħħew f'sitt stadji annwali ndaqs li jibdeu fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tas-sitt sena;
- (c) l-ICA u l-INVIMA huma responsabbli, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, għall-koordinazzjoni, spezzjoni u l-verifika ġenerali tas-sistemi ta' spezzjoni.

## 3. Awtoritajiet Kompetenti tal-Perù

L-awtoritajiet kompetenti tal-Perù għall-kwistjonijiet sanitarji u fitosanitari huma l-istituzzjonijiet li ġejjin:

- (a) Servicio Nacional de Sanidad Agraria (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'SENASA')
- (b) Dirección General de Salud Ambiental (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'DIGESA')
- (c) Ministerio de Salud
- (d) Instituto Tecnológico Pesquero (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'TTP')
- (e) Ministerio de Comercio Exterior y Turismo (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'MINCETUR').

#### 4. Awtoritajiet Kompetenti tal-Ekwador

L-awtoritajiet kompetenti tal-Ekwador għall-kwistjonijiet sanitarji u fitosanitari huma l-istituzzjonijiet li ġejjin:

- (a) Agencia Ecuatoriana de Aseguramiento de la Calidad del Agro (AGROCALIDAD)
  - (b) Instituto Nacional de Pesca (INP)
  - (c) Agencia de Regulación, Control y Vigilancia Sanitaria (ARCSA), u
  - (d) Ministerio de Comercio Exterior (MCE).”
-

## ANNEX IX

## "TAQSIMA B

**PARTI TAL-UE**

Jintużaw it-taqsiriet li ġejjin:

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Ir-Repubblika Ċeka

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

ES Spanja

EE L-Estonja

UE L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha

FI Il-Finlandja

FR Franza

EL Il-Greċja

HR Il-Kroazja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LV Il-Latvja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

MT Malta

NL Il-Pajjiżi l-Baxxi

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SK Ir-Repubblika Slovakkja

SI Is-Slovenja

SE L-Iżvezja

UK Ir-Renju Unit

1. Il-lista ta' impenji li tinsab hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi li ġew liberalizzati skont l-Artikolu 114 ta' dan il-Ftehim u, permezz ta' riżervi, il-limitazzjonijiet għall-aċċess għas-suq u għat-trattament nazzjonali applikabbli għall-istabbilimenti u l-investituri tal-Pajjiżi Andini firmatarji f'dawk l-attivitajiet. Il-listi huma magħmulin mill-elementi li ġejjin:
  - (a) l-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-subsettur li fih l-impenn jitwettaq mill-Parti, u l-ambitu tal-liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riżervi; kif ukoll
  - (b) It-tieni kolonna tiddekrivi r-riżervi applikabbli.Meta l-kolonna msemmija taħt is-subparagrafu (b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għal Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li mhumiex imsemmijin hemmekk jieħdu impenji fis-settur konċernat mingħajr riżervi <sup>(1)</sup>.  
  
Is-setturi jew is-subsetturi li ma jissemmewx fil-lista ta' hawn taħt ma ħadux impenji.
2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u s-subsetturi individwali:
  - (a) "ISIC rev 3.1" tfisser il-Klassifika Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stipulat fid-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002 tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti;
  - (b) "CPC" tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilita fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N°77, CPC prov, 1991; kif ukoll
  - (c) "CPC ver. 1.0" tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilita fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Sensiela M, N° 77, CPC ver 1.0, 1998.
3. Il-lista hawn taħt ma tinkludix miżuri marbuta mar-rekwiżiti u l-proċeduri għall-kwalifikazzjoni, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta ma jikkostitwixxux aċċess għas-suq jew limitu ta' trattament nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikoli 112 u 113 tal-Ftehim. Dawk il-miżuri (pereżempju, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, obbligi ta' servizz ġenerali, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki f'setturi rregolati u l-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa, ir-rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet jistgħu ma jsirux f'żoni ambjentali li huma protetti jew f'żoni ta' interess storiku u artistiku partikolari), anke jekk mhumiex elenkati, japplikaw f'kull każ għall-investituri tal-Pajjiżi Andini firmatarji.
4. Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 107 ta' dan il-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar sussidji jew għotjiet mogħtija mill-Partijiet.
5. B'konformità mal-Artikolu 112 ta' dan il-Ftehim ir-rekwiżiti nondiskriminatorji rigward it-tipi ta' forma legali ta' stabbiliment mhumiex inklużi fil-lista li tinsab hawn taħt.
6. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' impenji ma għandu jkollhom ebda effett ta' awtoeżekuzzjoni u għalhekk ma jikkonferixxu ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi individwali.

<sup>(1)</sup> In-nuqqas ta' riżervi speċifiċi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea f'settur partikolari huwa mingħajr preġudizzju għal riżervi orizzontali jew għal riżervi settorjali tal-UE kollha li jistgħu japplikaw.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
IS-SETTURI KOLLHA	<p>Il-proprietà immobbli</p> <p>AT, BG, CY, CZ, DK, EE, ES, EL, FI, HR, HU, IE, IT, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: Restrizzjonijiet fuq l-akkwizzjoni ta' art u proprietà immobbli minn investituri barranin <sup>(1)</sup>.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p>Servizzi pubbliċi</p> <p>UE: Attivitajiet ekonomiċi kkunsidrati bħala servizzi pubbliċi fuq livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu soġġetti għal monopolji pubbliċi jew drittijiet esklużivi mogħtija lil operaturi privati <sup>(2)</sup>.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p>Tipi ta' stabbiliment</p> <p>UE: It-trattament li jingħata lil sussidjarji (ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi) stabbiliti skont il-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju fit-territorju tal-Unjoni Ewropea mhuwiex estiż għall-fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea minn kumpanija ta' pajjiż terz.</p> <p>BG: L-istabbiliment ta' fergħat huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni.</p> <p>EE: Minn tal-inqas nofs il-membri tal-Bord tad-Diretturi jrid ikollhom ir-residenza tagħhom fl-Unjoni Ewropea.</p> <hr/> <p>FI: Barrani li jkun qed iwettaq attività kummerċjali bħala sieħeb fi sħubija b'responsabbiltà limitata jew ġenerali Finlandiża jehtiegħ permess kummerċjali u jrid ikun residenti permanenti fl-Unjoni Ewropea. Għas-setturi kollha minbarra s-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, hemm il-kundizzjoni ta' nazzjonalità u residenza għal minn tal-inqas nofs il-membri ordinarji u d-deputati tal-Bord tad-Diretturi. Minkejja dan, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet. Jekk organizzazzjoni barranija għandha l-għan li tagħmel negozju jew kummerċ billi twaqqaf fergħa fil-Finlandja, jehtigħilha permess kummerċjali. Il-permess biex taġixxi bħala fundatriċi ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata huwa mehtiegħ għal organizzazzjoni barranija jew għal persuna fiżika li ma tkunx ċittadina tal-Unjoni Ewropea. Għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, ir-residenza permanenti hija mehtiegħa għal nofs il-partijiet fundaturi u għal nofs il-membri tal-Bord tad-Diretturi. Jekk il-fundatur hija persuna ġuridika, hemm ukoll il-htiegħ ta' residenza għal dik il-persuna ġuridika.</p> <p>IT: L-aċċess għal attivitajiet industrijali, kummerċjali u artiġjanali huwa suġġett għal permess ta' residenza u awtorizzazzjoni speċifika biex issir l-attività.</p> <p>BG, PL: L-ambitu tal-attivitajiet ta' uffiċċju rappreżentant jista' jinkludi biss ir-reklamar u l-promozzjoni tal-kumpanija prinċipali barranija rappreżentata mill-uffiċċju.</p> <hr/> <p>PL: Ħlief għas-servizzi finanzjarji, mingħajr restrizzjonijiet għall-fergħat. Investituri mhux Ewoprej jistgħu jassumu u jwettqu attività ekonomika fl-għamla ta' sħubija limitata, sħubija b'ishma konġunti limitata, kumpanija b'responsabbiltà limitata, u kumpanija b'ishma konġunti (fil-każ ta' servizzi legali fl-għamla ta' sħubija reġistrata u sħubija limitata biss.</p>



Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
	<p>RO: L-amministrattur uniku jew il-President tal-Bord tad-Diretturi kif ukoll nofs l-għadd totali ta' amministratturi tal-kumpaniji kummerċjali jkunu ċittadini Rumeni sakemm mhux stipulat mod ieħor fil-kuntratt tal-kumpanija jew fl-istatuti tagħha. Il-maġġoranza tal-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u d-deputati tagħhom għandhom ikunu ċittadini Rumeni.</p> <p>SE: Kumpanija barranija (li ma stabbilietx entità ġuridika fl-Iżvezja) twestaq l-attività kummerċjali tagħha permezz ta' fergħa, stabbilita fl-Iżvezja b'ġestjoni indipendenti u kontijiet separati. Proġetti ta' bini li jdumu inqas minn sena huma eżenti mir-reqwiziti ta' stabbiliment ta' fergħa jew il-ħatra ta' rappreżentant residenti. Kumpanija b'responsabilità limitata (kumpanija b'ishma konġunti) tista' tiġi stabbilita minn fundatur wieħed jew iktar. Il-parti fundatriċi tkun jew residenti fl-Iżvezja jew tkun entità ġuridika Żvediża. Sħubija tista' tkun parti fundatriċi biss jekk kull wieħed mis-sħab ikun residenti fl-Iżvezja. Hemm kundizzjonijiet simili għall-istabbiliment tat-tipi l-oħrajn kollha ta' entitajiet ġuridiċi. Mill-anqas 50 fil-mija tal-membri tal-Bord tad-Diretturi jkunu residenti fl-Iżvezja. Ċittadini barranin jew Żvediżi li mhumiex residenti fl-Iżvezja, li jixtiequ jwettqu attività kummerċjali fl-Iżvezja, jaħtru, u jirreġistraw mal-awtorità lokali, rappreżentant residenti responsabbli għal din l-attività. Il-kundizzjonijiet ta' residenza jistgħu jitneħħew jekk ikun jista' jiġi muri li mhumiex meħtieġa għal każ partikolari.</p> <p>SE (għall-Ekwador biss): Id-direttur maniġerjali, u l-viċi direttur maniġerjali jekk maħtura, tal-fergħa jridu jkunu residenti fiż-ŻEE. Persuna fiżika li mhix residenti fiż-ŻEE, li tagħmel operazzjonijiet kummerċjali fl-Iżvezja, għandha taħtar u tirreġistra rappreżentant residenti responsabbli mill-operazzjonijiet fl-Iżvezja. Għandhom jinżammu kontijiet separati għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. L-awtorità kompetenti tista' f'każijiet individwali tagħti eżenzjonijiet mir-reqwiziti tal-fergħa u tar-residenza.</p> <p>SI: L-istabbiliment ta' fergħat minn kumpaniji barranin huwa kkundizzjonat mir-reġistrazzjoni tal-kumpanija prinċipali f'reġistru tal-qrati tal-pajjiż tal-orijini għal tal-anqas sena.</p> <p>SK: Persuna fiżika barranija li l-isem tagħha se jitniżżel fir-Reġistru Kummerċjali bħala persuna awtorizzata li tagħxi fisem l-imprenditur, trid tippovdi permess ta' residenza fir-Repubblika Slovakkja.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p>Investiment</p> <p>ES: Investiment fi Spanja minn gvern barrani u entitajiet pubbliċi barranin (li jtendi jimplika interessi kemm ekonomiċi kif ukoll nonekonomiċi, għall-parti tal-entità), b'mod dirett jew bis-saħħa ta' kumpaniji jew entitajiet oħra kkontrollati direttament jew indirettament minn gvernijiet barranin, jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-gvern.</p> <p>BG: F'impriżi fejn is-sehem pubbliku (tal-Istat jew municijali) fil-kapital ta' ekwità jaqbeż it-30 fil-mija, it-trasferiment ta' dawn l-ishma lill-partijiet terzi jeħtieġ awtorizzazzjoni. Ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttar jew l-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma suġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet. L-investituri barranin ma jistgħux jipparteċipaw fil-privatizzazzjoni. Investituri barranin u persuni ġuridiċi Bulgari b'parteċipazzjoni ta' kontroll barranija jeħtieġu permess għal a) tiftix, żvilupp jew estrazzjoni ta' riżorsi naturali mill-baħar territorjali, l-ixkaffa kontinentali jew iż-żona ekonomika esklużiva u b) l-akkwist ta' parteċipazzjoni ta' kontroll f'kumpaniji involuti fi kwalunkwe mill-attivitajiet speċifikati f'a).</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
	<p>FR: Akkwisti barranin li jisbqu t-33,33 fil-mija tal-ishma ta' kapital jew tad-drittijiet tal-vot f'intrapriża eżistenti Franċiża, jew 20 fil-mija f'kumpaniji Franċiżi kkwotati pubblikament, huma soġġetti għar-regolamenti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— investimenti ta' anqas minn 7.6 miljun Euro f'intrapriżi Franċiżi li għandhom fatturat li ma jaqbiżx is-76 miljun Euro huma ħielsa, wara tul ta' żmien ta' 15-il jum wara notifika minn qabel u verifika li dawn l-ammonti ntlaħqu;</li> <li>— kif jgħaddi xahar min-notifika minn qabel, tingħata awtorizzazzjoni taċita għal investimenti oħra għajr jekk il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, ikun eżerċita d-dritt tiegħu li jipposponi l-investment.</li> </ul> <p>Parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji privatizzati reċentement tista' tkun limitata sa ammont varjabbli, li jiġi determinat mill-gvern ta' Franza skont kull każ, mill-ekwità offruti lill-pubbliku. Għall-istabbiliment ta' ċerti attivitajiet kummerċjali, industrijali jew artiġjanali, awtorizzazzjoni speċifika hi meħtieġa jekk id-direttur maniġerjali mhuwiex detentur ta' permess ta' residenza permanenti.</p> <p>FI: L-akkwist ta' ishma minn proprjetarji barranin li jagħti terz tad-drittijiet tal-vot ta' kumpanija prinċipali Finlandiża jew attività kummerċjali importanti, (b'iżjed minn 1000 impjegat jew b'faturat ta' iżjed minn 168 miljun Euro jew b'bilanċ totali ta' iżjed minn 168 miljun Euro) huwa soġġett għall-konferma mill-awtoritajiet Finlandiżi; il-konferma tista' ma tingħatax biss jekk ikun hemm interess nazzjonali importanti mhedded. Dawn il-limitazzjonijiet ma japplikawx għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni.</p> <p>HU: Mingħajr restrizzjonijiet għall-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji privatizzati reċentement.</p> <p>IT: Jistgħu jingħataw jew jinżammu drittijiet esklużivi lil kumpaniji privatizzati reċentement. Drittijiet tal-vot f'kumpaniji privatizzati reċentement jistgħu jkunu ristretti f'xi każi. Għal perjodu ta' ħames snin, l-akkwist ta' ammonti kbar ta' ekwità ta' kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża, is-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija jista' jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p>Żoni ġeografiċi</p> <p>FI: Fil-Gżejjer Åland, limitazzjonijiet fuq id-dritt tal-istabbiliment ta' persuni fiżiċi li ma jgawdux minn ċittadinanza reġjonali f'Åland jew ta' persuni ġuridiċi mingħajr permess mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.</p>
1. AGRIKOLTURA, KAĊĊA, FORESTRIJA	
A. L-agrikoltura, il-kaċċa (ISIC rev 3.1: 011, 012, 013, 014, 015) minbarra servizzi ta' pariri u konsulenza <sup>(3)</sup>	<p>AT, HR, HU, MT, RO: Mingħajr restrizzjonijiet għal attivitajiet agrikoli.</p> <p>CY: Parteċipazzjoni mhux mill-Unjoni Ewropea tista' ssir sa' 49 fil-mija biss.</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
	<p>FR: L-istabbiliment ta' impriżi agrikulturali minn ċittadini mhux mill-UE u l-akkwist ta' vinji minn investituri mhux mill-Unjoni Ewropea huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni.</p> <p>IE: Stabbiliment minn residenti mhux mill-Unjoni Ewropea f'attivitajiet tat-tin tad-dqiq hu soġġett għall-awtorizzazzjoni.</p> <p>SE (għall-Ekwador biss): In-nies Sami biss jistgħu jippossjedu u jeżerċitaw it-trobbija tar-renni.</p>
<p>B Foresterija u qtugħ ta' siġar (ISIC rev 3.1: 020) minbarra servizzi ta' pariri u konsulenza</p>	<p>BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal qtugħ ta' siġar.</p>
<p>2. IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA (ISIC rev.3.1: 0501, 0502) minbarra servizzi ta' pariri u konsulenza</p>	<p>AT: Tal-inqas 25 fil-mija mill-bastimenti jridu jkunu reġistrati fl-Awstrija.</p> <p>BE, FI, IE, LV, NL, PT, SK: Investituri barranin mhux inkorporati u li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fil-Belġju, fil-Finlandja, fil-Irlanda, fil-Latvja, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Portugall u fir-Repubblika Slovakkja rispettivament ma jistgħux ikunu proprjetarji ta' bastimenti b'bandiera Belġjana, Finlandiża, Irlandiża, Latvjana, Olandiża, Portugiża u Slovakkja rispettivament</p> <p>CY, EL: Parteċipazzjoni mhux mill-Unjoni Ewropea tista' ssir sa' 49 fil-mija biss.</p> <p>DK: Residenti mhux mill-Unjoni Ewropea ma jistax jkunu proprjetarji ta' terz jew aktar, min-negozju li jipparteċipa f'sajd kummerċjali. Residenti mhux mill-UE ma jistgħux jkunu proprjetarji ta' bastimenti b'bandiera Daniża minbarra bis-saħħa ta' impriża inkorporata fid-Danimarka.</p> <p>FR: Ċittadini mhux mill-Unjoni Ewropea ma jistgħux jipparteċipaw fil-proprjetà marittima tal-Istat għat-tkabbir ta' ħut/frott tal-baħar bil-qoxra/alka. Investituri barranin mhux inkorporati u li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Franza ma jistgħux ikunu proprjetarji ta' aktar minn 50 fil-mija minn bastiment bil-bandiera Franċiża.</p> <p>DE: Liċenzja għas-sajd fil-baħar tingħata biss lil bastimenti intitolati li jtajru l-bandiera tal-Ġermanja. Dawn huma bastimenti għas-sajd li l-maġġoranza tal-ishma tagħhom huma ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea jew kumpaniji stabbiliti skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea u li l-post prinċipali ta' negozju tagħhom jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. L-użu tal-bastimenti jrid ikun ġestit u sorveljat minn persuni residenti fil-Ġermanja. Sabiex tinkiseb liċenzja għas-sajd, kull bastiment tas-sajd irid jirreġistra mal-istati kostali rilevanti fejn il-bastimenti jkollhom il-port ewlieni tagħhom.</p> <p>EE: Il-bastimenti huma intitolati li jtajru l-bandiera tal-Estonja jekk jinsabu fl-Estonja u l-maġġoranza tal-proprjetà hija ta' ċittadini Estoni f'soċjetà ġenerali u f'kumpaniji b'responsabbiltà limitata, jew entitajiet legali oħra li jinsabu fl-Estonja bil-maġġoranza tal-voti fil-Bord tad-Diretturi fidejn ċittadini Estoni.</p> <p>BG, HR, HU, LT, MT, RO: Mingħajr restrizzjonijiet.</p> <p>IT: Barranin li mhumiex residenti tal-Unjoni Ewropea ma jistgħux ikunu proprjetarji ta' interess maġġoritarju f'bastimenti bil-bandiera Taljana jew ta' interess ta' kontroll f'kumpaniji proprjetarji ta' bastimenti li għandhom l-uffiċċju prinċipali fl-Italja. Sajd f'ibħra territorjali Taljani hu riżervat għal bastimenti bil-bandiera Taljana.</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
	<p>SE: Investituri barranin mhux inkorporati u li ma għandhomx l-uffiċċju prinċipali fl-Iżvezja ma jistgħux ikunu proprjetarji ta' aktar minn 50 fil-mija minn bastiment bil-bandiera Żvediża. L-akkwist minn investituri barranin ta' 50 fil-mija jew aktar ta' ishma f'kumpaniji li jipparteċipaw f'attivitajiet ta' sajd f'ibħra Żvediżi jeħtieġ l-awtorizzazzjoni.</p> <p>SI: Il-bastimenti huma intitolati li jtajru l-bandiera Slovena jekk aktar min-nofs il-bastiment ikun proprjetà ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea jew ta' persuni ġuridiċi li għandhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom fi Stat Membri tal-Unjoni Ewropea.</p> <p>UK: Riżervazzjoni fuq l-akkwist ta' bastimenti bil-bandiera tar-Renju Unit, sakemm tal-inqas 75 fil-mija mill-investiment ma jappartjenix lil ċittadini Brittanniċi u/jew lil kumpaniji li jappartjenu f'tal-inqas 75 fil-mija minnhom lil ċittadini Brittanniċi, fil-każijiet kollha residenti u jgħixu fir-Renju Unit. Il-bastimenti jridu jkunu ġestiti, diretti u kkontrollati mir-Renju Unit.</p>
<p>3. XOGĦOL FIL-MINJIERI U FIL-barrieri <sup>(4)</sup></p> <p>A. Minjieri tal-faħam u l-lignite; estrazzjoni ta' pit (ISIC rev 3.1: 10)</p> <p>B. Estrazzjoni ta' petroleum mhux raffinat u ta' gass naturali <sup>(5)</sup> (ISIC rev 3.1: 1110)</p> <p>C. Minjieri ta' minerali metalliċi (ISIC rev 3.1: 13)</p> <p>D. Xogħlijiet oħrajn fil-minjieri u fil-barrieri (ISIC rev 3.1: 14)</p>	<p>UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jkunu proġbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mingħajr restrizzjonijiet għal ferġat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). Mingħajr restrizzjonijiet għall-estraxxjoni ta' żejt mhux raffinat u gass naturali.</p> <p>ES: Mingħajr restrizzjonijiet għall-investiment barrani f'minerali strateġiċi.</p>
<p>4. IL-manifatturar <sup>(6)</sup></p>	
<p>A. Manifattura ta' prodotti tal-ikel u xorb (ISIC rev 3.1: 15)</p>	<p>Xejn</p>
<p>B. Manifattura ta' prodotti tat-tabakk (ISIC rev 3.1: 16)</p>	<p>Xejn</p>
<p>C. Manifattura ta' tessuti (ISIC rev 3.1: 17)</p>	<p>Xejn</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
D. Manifattura ta' ħwejjeġ li jintlibsu; preparazzjoni u tiżbigħ tal-fer (ISIC rev 3.1: 18)	Xejn
E. Kunzatura u l-irfinar tal-ġilda; manifattura ta' bagalji, basktijiet, prodotti tas-sruġ, xdud u żraben (ISIC rev 3.1: 19)	Xejn
F. Manifattura ta' injam u ta' prodotti tal-injam u s-sufra, min-barra l-għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u materjali tat-trizza (ISIC rev 3.1: 20)	Xejn
G. Manifattura ta' karta u prodotti tal-karti (ISIC rev 3.1: 21)	Xejn
H. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata <sup>(7)</sup> (ISIC rev 3.1: 22, ħlief pubblikazzjoni u stampar b'bażi ta' miżata jew kuntratt <sup>(8)</sup> )	IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-sid ta' kumpaniji tal-ippubblikar u l-istampar. SE (għall-Ekwador biss): Rekwiżiti ta' residenza għall-pubblikatur u s-sid ta' kumpanija tal-pubblikazzjoni jew tal-istampar
I. Manifattura ta' prodotti tal-ifran tal-kokk (ISIC rev 3.1: 231)	Xejn
J. Manifattura ta' prodotti taż-żejt raffinat <sup>(9)</sup> (ISIC rev 3.1: 232)	UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jkunu pprojbti milli jiksbu kontroll tal-attività. Min-għajr restrizzjonijiet għal ferġat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).
K. Manifattura ta' kimiċi u ta' prodotti kimiċi għajr splussivi (ISIC rev 3.1: 24 eskluż il-manifattura tal-isplussivi)	Xejn

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
L. Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik (ISIC rev 3.1: 25)	Xejn
M. Manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi (ISIC rev 3.1: 26)	Xejn
N. Manifattura ta' metalli bażiċi (ISIC rev 3.1: 27)	Xejn
O. Manifattura ta' prodotti ta' metall fabbrikat, minbarra makkinarju u tagħmir (ISIC rev 3.1: 28)	Xejn
P. Manifattura ta' makkinarju	
a) Manifattura ta' makkinarju għal għanijiet ġenerali (ISIC rev 3.1: 291)	Xejn
b) Manifattura ta' makkinarju bi skopijiet speċjali minbarra armintan-nar u munizzjonijiet (ISIC rev 3.1: 2921, 2922, 2923, 2924, 2925, 2926, 2929)	Xejn
c) Manifattura ta' apparat domestiku n.e.c. (ISIC rev 3.1: 293)	Xejn
d) Manifattura ta' makkinarju għall-uffiċċju, għaż-żamma tal-kotba u għal xogħol tal-kompjuters (ISIC rev 3.1: 30)	Xejn
e) Manifattura ta' makkinarju u apparat tal-elettriku n.e.c. (ISIC rev 3.1: 31)	Xejn

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
f) Manifattura ta' tagħmir u apparat għar-radju, it-televiżjoni u l-komunikazzjoni (ISIC rev 3.1: 32)	Xejn
Q. Manifattura ta' strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u strumenti ottiċi, arloġġi u arloġġi tal-ħajt (ISIC rev 3.1: 33)	Xejn
R. Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers (ISIC rev 3.1: 34)	Xejn
S. Manifattura ta' tagħmir ieħor ta' trasport (mhux militari) (ISIC rev 3.1: 35 minbarra l-manifattura ta' vapuri tal-gwerra, ajruplani tal-gwerra u tagħmir ieħor tat-trasport għal użu militari)	Xejn
T. Manifattura ta' għamara; manifattura n.e.c. (ISIC rev 3.1: 361, 369)	Xejn
U. Riċiklaġġ (ISIC rev 3.1: 37)	Xejn
5. PRODUZZJONI, TRAŻMISSJONI RANSMISSION U DISTRI-BUZZJONI GĦALL-KONT PROPRIJU TA' ELETTRIKU, GASS, FWAR U ILMA SĦUN (minbarra l-ġenerazzjoni nukleari tal-enerġija) <sup>(10)</sup>	
A. Produzzjoni tal-elettriku; trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku għall-kont proprju (parti minn ISIC rev 3.1: 4010) <sup>(11)</sup>	UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jkunu projbiti milli jkunu kontroll tal-attività. Mingħajr restrizzjonijiet għal ferġat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
<p>B. Manifattura ta' gass; tqassim ta' fjuwil fi stat ta' gass permezz ta' mejns għall-kont proprju (parti minn ISIC rev 3.1: 4020) <sup>(12)</sup></p>	<p>UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jkunu projbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).</p>
<p>C. Produzzjoni ta' fwar u misħun; distribuzzjoni tal-fwar u l-misħun għall-kont proprju (parti minn ISIC rev 3.1: 4030) <sup>(13)</sup></p>	<p>UE: Investituri minn pajjiżi li huma fornituri tal-enerġija jistgħu jkunu projbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).</p>
<p>6. SERVIZZI KUMMERĊJALI</p>	
<p>A. Servizzi professjonali</p>	
<p>a) Servizzi legali (CPC 861) <sup>(14)</sup> għajr pariri legali u dokumenti legali u servizzi ta' awtentikar legali pprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, <i>huissiers de justice</i> jew <i>officiers publics et ministériels</i> oħra</p>	<p>AT: Il-parteċipazzjoni ta' avukati barranin (li għandhom ikunu kkwalifikati bis-sħiħ f'pajjiżhom) fl-ekwità u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe uffiċċju legali ma tistax taqbeż il-25 fil-mija; Ma jistgħux ikollhom influwenza deċiżiva fit-teħid tad-deċizzjonijiet.</p> <p>BE: Japplikaw kwoti biex jidhru quddiem il-“Cour de cassation” f'każijiet mhux kriminali.</p> <p>CY (għall-Ekwador biss): L-ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati hija soġġetta għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità, flimkien mar-reqwiżit ta' residenza.</p> <p>FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' “avocat auprès de la Cour de Cassation” u “avocat auprès du Conseil d'Etat” huwa suġġett għal kwoti.</p> <p>DK: Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża biex jipprattikaw u uffiċċji legali rreġistrati fid-Danimarka li jistgħu jkollhom ishma f'uffiċċju legali Daniż. Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża li jipprattikaw li jistgħu jkunu fuq il-Bord tad-diretturi jew ikunu parti mill-maniġment ta' uffiċċju legali Daniż. Reqwiżit ta' eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja Daniża.</p>
	<p>FR: Xi tipi ta' forom legali (“association d'avocats” u “société en partiċipazzjoni d'avocat”) huma riżervati għall-avukati ammessi bis-sħiħ fl-Avukatura fi FR. F'uffiċċju legali li joffri servizzi fir-rigward tal-liġi Franċiża jew tal-Unjoni Ewropea, mill-inqas 75 fil-mija tas-sħab li jkollhom 75 fil-mija tal-ishma jkunu avukati ammessi bis-sħiħ fl-avukatura fi FR.</p> <p>HR: Ir-rappreżentanza tal-partijiet quddiem qrati tista' tiġi prattikata biss mill-membri tal-Kunsill tal-Avukatura tal-Kroazja (l-isem Kroat “odvjetnici”). Il-ħtieġa taċ-ċittadinanza għas-sħubija fil-Kunsill tal-Avukati.</p> <p>HU: Il-preżenza kummerċjali trid tiegħu s-sura ta' soċjetà ma' barrister Ungeriż (ügyvéd) jew ma' uffiċċju ta' barrister (ügyvédi iroda), jew uffiċċju rappreżentattiv.</p>



Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
	<p>PL: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għal avukati tal-UE, avukati barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' soċjetajiet reġistrati u soċjetajiet limitati.</p> <p>SE (għall-Ekwador biss): L-ammissjoni fl-avukatura, meħtieġa biss għall-użu tat-titlu Żvediż "advokat", hija soġġetta għal rekwiżit ta' residenza.</p>
<p>b) 1. Is-Servizzi tal-Kontabbiltà u taż-Żamma tal-Kotba (CPC 86212 minbarra "servizzi ta' verifika", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220)</p>	<p>AT: Il-parteċipazzjoni tal-ekwità u tal-ishma ta' kontabbilisti barranin (li jridu jkunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-orìġini tagħhom) fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-25 fil-mija, jekk ma jkunux membri tal-Korp Professjonali Awstrijak.</p> <p>CY: L-aċċess hu soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlienin: is-sitwazzjoni tal-impjeg fis-subsettur.</p> <p>DK: Sabiex jidħlu fi sħubija ma' accountants awtorizzati Daniżi, l-accountants barranin għandhom jiksbu permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kumpaniji u l-Kummerċ.</p>
<p>b) 2. Is-servizzi ta' verifika (CPC 86211 u 86212 ħliet is-servizzi ta' kontabbiltà)</p>	<p>AT: Il-parteċipazzjoni ta' awdituri barranin (li jridu jkunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-orìġini tagħhom) fl-ekwità u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-25 fil-mija, jekk ma jkunux membri tal-Korp Professjonali Awstrijak.</p> <p>CY: L-aċċess hu soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlienin: is-sitwazzjoni tal-impjeg fis-subsettur.</p> <p>CZ, SK: Tal-inqas 60 fil-mija tas-sehem kapitali jew id-drittijiet tal-vot huma riżervati għaċ-ċittadini nazzjonali.</p> <p>DK: Sabiex jidħlu fi sħubija ma' accountants awtorizzati Daniżi, l-accountants barranin għandhom jiksbu permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kumpaniji u l-Kummerċ.</p> <p>FI: Rekwiżit ta' residenza għal mill-inqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija ta' responsabbiltà Finlandiża</p> <p>HR: Xejn, minbarra li l-awditjar jista' jsir biss minn persuni ġuridiċi.</p>
	<p>LV: Fkumpanija kummerċjali ta' awdituri bil-liċenzja iktar minn 50 fil-mija tal-ishma tal-kapital bid-dritt tal-vot għandu jkun proprjetà ta' awdituri bil-liċenzja jew kumpaniji kummerċjali ta' awdituri bil-liċenzja tal-Unjoni Ewropea.</p> <p>LT: Mhux inqas minn 75 fil-mija tal-ishma għandhom ikunu ta' awdituri jew kumpaniji tal-awditjar tal-Unjoni Ewropea.</p> <p>SE: Huma biss l-awdituri approvati fl-Iżvezja li jistgħu jwettqu servizzi legali ta' verifika f'ċerti entitajiet ġuridiċi, fosthom fil-kumpaniji limitati kollha. Huma biss dawn il-persuni li jistgħu jkunu azzjonisti jew li jiffurmaw sħubijiet kummerċjali fkumpaniji li jipprattikaw awditjar kkwalifikat (għal għanijiet uffiċjali). Residenza meħtieġa għall-approvazzjoni.</p> <p>SI: Is-sehem ta' persuni barranin fkumpaniji tal-awditjar ma jistax jaqbeż id-49 fil-mija tal-ekwità.</p>
<p>c) Servizzi ta' Pariri dwar it-Taxxa (CPC 863) <sup>(15)</sup></p>	<p>AT: Il-parteċipazzjoni ta' konsulenti barranin dwar it-taxxa (li jridu jkunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-orìġini tagħhom) fl-ekwità u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-25 fil-mija; dan japplika biss għal dawk li mhumiex membri fil-Korp Professjonali Awstrijak.</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
	CY: L-aċċess hu soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlienin: is-sitwazzjoni tal-impjeg fis-subsettur.
<p>d) Servizzi ta' arkitettura kif ukoll</p> <p>e) Ippjanar urban u servizzi arkitettoniċi ta' pajsaġġ (CPC 8671 u CPC 8674)</p>	<p>BG: Għal proġetti ta' importanza nazzjonali u reġjonali, investituri barranin jridu jaġixxu f'soċjetà ma' jew bħala sub-kuntratturi ta' investituri lokali.</p> <p>LV: Għal servizzi arkitettoniċi, Prattika ta' tliet (3) snin fil-Latvja fil-qasam ta' proġettar u lawrea mill-università huma meħtieġa sabiex tingħata l-liċenzja li tippermetti li ttwettaq attività ta' negozju bil-firxa sħiħa ta' responsabilità legali u drittijiet għall-iffirmar ta' proġetti.</p>
<p>f) Servizzi ta' inġinerija kif ukoll</p> <p>g) Servizzi ta' inġinerija integrata (CPC 8672 u CPC 8673)</p>	<p>BG: Għal proġetti ta' importanza nazzjonali u reġjonali, investituri barranin jridu jaġixxu f'soċjetà ma' jew bħala sub-kuntratturi ta' investituri lokali.</p>
<p>h) Servizzi Mediċi (inklużi psikologi) u Dentali (CPC 9312 u parti minn CPC 85201)</p>	<p>AT: Mingħajr restrizzjonijiet għajr għal servizzi dentali u għal psikologi u psikoterapisti, fejn: xejn</p> <p>DE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta tobbja u dentisti jkunu awtorizzati li jikkuraw membri ta' skemi pubbliċi tal-assigurazzjoni. Kriterji ewlienin: nuqqas ta' tobbja u dentisti f'reġjun partikolari.</p> <p>CY (għall-Ekwador biss), FI: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-Unjoni Ewropea, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' "société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle".</p> <p>LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi Kriterji ewlienin: nuqqas ta' tobbja u dentisti f'reġjun partikolari.</p> <p>BG, LT: Il-forniment ta' servizzi hu soġġett għall-awtorizzazzjoni li hi bbażata fuq pjan tas-servizzi tas-saħħa stabbilit skont il-ħtiġijiet, billi jiġu kkunsidrati l-popolazzjoni u s-servizzi mediċi u dentali diġà eżistenti.</p> <p>SI: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi mediċi soċjali, servizzi sanitarji, servizzi epidemoloġiċi, servizzi mediċi/ekoloġiċi; il-forniment ta' demm, preparazzjonijiet tad-demm kif ukoll trapjanti; awtopsja</p> <p>UK: Biex it-tobbja jipprattikaw taħt is-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali dan huwa suġġett għall-ippjanar tar-riżorsi umani fil-qasam mediku.</p>
<p>i) Servizzi veterinarji (CPC 932)</p>	<p>AT, CY (għall-Ekwador biss): Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>BG: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi Kriterji ewlienin: popolazzjoni u densità tan-negozju eżistenti.</p> <p>HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi Kriterji ewlienin: kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fis-settur.</p> <p>FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-Unjoni Ewropea, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' "société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle".</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
<p>j) 1. Servizzi ta' qwiebel (parti minn CPC 93191)</p>	<p>BG, CY (għall-Ekwador biss), FI, MT, SI: Mingħajr restrizzjonijiet. FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-Unjoni Ewropea, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' "société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle". LT: Jista' jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlienin: is-sitwazzjoni tal-impjeg fis-subsettur.</p>
<p>j) 2. Servizzi pprovduti mill-Infermiera, il-Fiżjoterapisti u l-Persunal Paramediku (parti minn CPC 93191)</p>	<p>AT: L-investituri barranin huma awtorizzati biss fl-attivitatiet li ġejjin biss: infermiera, fiżjoterapisti, terapisti okkupazzjonali, logoterapisti, esperti tad-dieta u n-nutrizzjoni. BG, CY (għall-Ekwador biss), MT: Mingħajr restrizzjonijiet. FI, SI: Mingħajr restrizzjonijiet għal Fiżjoterapisti u Persunal Paramediku. FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għall-investituri mill-Unjoni Ewropea, investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' "société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle". LT: Jista' jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlienin: is-sitwazzjoni tal-impjeg fis-subsettur. LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-fiżjoterapisti barranin u l-persunal paramediku. Kriterji ewlienin: il-qagħda tal-impjegji fir-reġjun partikolari.</p>
<p>k) Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211) u servizzi oħra mogħtija mill-ispiżjara <sup>(16)</sup></p>	<p>AT, BG, CY, FI, MT, PL, RO, SE, SI: Mingħajr restrizzjonijiet BE, DE, DK, EE, ES, FR, IT, HR, HU, IE, LV, PT, SK: L-awtorizzazzjoni hija suġġetta għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlienin: id-densità tal-popolazzjoni u dik ġeografika tal-ispiżjeriji eżistenti.</p>
<p>B. Servizzi tal-Kompjuters u oħrajn Relatati (CPC 84)</p>	<p>Xejn</p>
<p>C. Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp <sup>(17)</sup> a) Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp fix-xjenzi naturali (CPC 851) b) Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp fix-Xjenzi Soċjali u Studji Umanistiċi (CPC 852 ħlief servizzi ta' psikologi) <sup>(18)</sup> c) Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp Interdixiplinarji (CPC 853)</p>	<p>Għal a) u ċ): UE: Għal servizzi ta' Riċerka u Żvilupp iffinanzjati pubblikament, drittijiet esklussivi u/jew awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-UE jew lil persuni ġuridiċi tal-UE li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Għal b): Xejn</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
D. Is-Servizzi tal-Beni Immobbli <sup>(19)</sup>	
a) Li tinvolvi Proprjetà Proprja jew dik b'Lokazzjoni (CPC 821)	Xejn
b) Fuq Bażi ta' Tariffa jew Kuntratt (CPC 822)	Xejn, ħlief: CY (għall-Ekwador biss): Mingħajr restrizzjonijiet
E. Servizzi ta' Kiri mingħajr Operaturi	
a) Relatati mal-bastimenti (CPC 83103)	LT: Il-vapuri jridu jkunu proprjetà ta' persuni naturali Litwani jew kumpaniji stabbiliti fil-Litwanja. SE: Biex tittajjar il-bandiera Żvediża trid tintwera evidenza ta' influwenza operattiva Żvediża dominanti f'każ ta' interessi ta' proprjetà barranija fil-bastimenti
b) Relatati mal-Inġenji tal-Ajru (CPC 83104)	UE: Inġenju tal-ajru użat minn operaturi mill-Unjoni Ewropea jrid ikun reġistrat fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jlliċenzja l-operatur jew xi mkien ieħor fl-Unjoni Ewropea. L-inġenju tal-ajru jrid ikun proprjetà ta' persuni fiżiċi li jis-sodisfaw il-kriterji speċifiċi ta' nazzjonalità jew minn persuni ġuridiċi li jis-sodisfaw il-kriterji speċifiċi dwar is-sjeda ta' kapital u kontroll (inkluża n-nazzjonalità tad-diretturi). Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għal kuntratti ta' kiri qosra jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali
c) Relatati ma' Tagħmir tat-Trasport Ieħor (CPC 83101, CPC 83102 u CPC 83105)	Xejn
d) Relatati ma' Makkinarju u Tagħmir Ieħor (CPC 83106, CPC 83107, CPC 83108 u CPC 83109)	Xejn
e) Relatati ma' prodotti personali u tad-dar (CPC 832)	AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SE, SK, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għal CPC 83202

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
f) Kiri ta' tagħmir tat-telekommunikazzjoni (CPC 7541)	Xejn
F. Servizzi Oħrajn tan-Negozju	
a) Reklamar (CPC 871)	Xejn
b) Riċerka tas-Suq u Stħarriġ tal-Opinjoni Pubblika (CPC 864)	Xejn
c) Servizzi ta' Konsulenza dwar il-Ġestjoni (CPC 865)	Xejn
d) Servizzi Relatati mal-Konsulenza dwar il-Ġestjoni (CPC 866)	HU: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' arbitrazzjoni u konċiljazzjoni (CPC 86602).
e) Servizzi ta' Ttestjar Tekniku u ta' Analiżi <sup>(20)</sup> (CPC 8676)	Xejn
f) Servizzi ta' Pariri u Konsulenza relatati mal-Agricoltura, il-Kaċċa u l-Foresterija (parti minn CPC 881)	CY, CZ, EE, LT, MT, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet
g) Servizzi ta' Pariri u Konsulenza dwar is-Sajd (parti minn CPC 882)	Xejn
h) Servizzi ta' Pariri u Konsulenza relatati mal-Manifattura (parti minn CPC 884 u parti minn CPC 885)	Xejn

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
i) Is-Servizzi ta' Sejbien u Forniment ta' Persunal	
i) 1. Tfittxija eżekuttiva (CPC 87201)	BG, CY, CZ, DE, EE, FI, HR, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet
i) 2. Servizzi ta' sejbien ta' impjeg (CPC 87202)	AT, BG, CY, CZ, EE, FI, HR, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SK: Mingħajr restrizzjonijiet BE, FR, IT: Monopolju tal-Istat DE: L-awtorizzazzjoni hija suġġetta għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlienin: is-sitwazzjoni fis-suq tal-impjegi u l-iżvilupp tiegħu.
i) 3. Is-servizzi ta' forniment ta' persunal ta' sostenn fl-uffiċċju (CPC 87203)	AT, BG, CY, CZ, DE, EE, FI, HR, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet IT: Monopolju tal-Istat
i) 4. Servizzi ta' Aġenziji tal-Mudelli (parti minn CPC 87209)	Xejn.
j) 1. Servizzi ta' investigazzjoni (CPC 87301)	BE, BG, CY, CZ, DE, ES, EE, FR, EL, HR, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet
j) 2. Servizzi tas-sigurtà (CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304 u CPC 87305)	DK: Rekwiżit ta' nazzjonalità u residenza għall-membri tal-Bord tad-Diretturi. Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' gwardjani tal-ajruport BG, CY, CZ, EE, FI, LV, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Il-liċenzja tista' tinħareġ biss liċ-ċittadini u lil organizzazzjonijiet irregjstrati nazzjonali ES: Mingħajr restrizzjonijiet għal ferġat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). L-aċċess hu soġġett għall-awtorizzazzjoni minn qabel. HR: Mingħajr restrizzjonijiet.
k) Servizzi Relatati ma' Konsulenza Xjentifika u Teknika <sup>(21)</sup> (CPC 8675)	FR: Investituri barranin jeħtieġu awtorizzazzjoni speċifika għas-servizzi ta' esplorazzjoni u prospettar.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
l) 1. Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868)	Xejn
l) 2. Manutenzjoni u Tiswija tat-Tagħmir tat-Trasport bil-Ferrovija (parti minn CPC 8868)	LV: Monopolju tal-Istat. SE: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplikaw meta investitur għandu l-għan li jstabilixxi l-faċilitajiet ta' infrastruttura terminali tiegħu. Kriterji ewlieni: limitazzjonijiet ta' spazju u kapaċità.
l) 3. Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi bil-magna, muturi, snowmobiles u tagħmir tat-trasport bit-triq (CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868)	SE: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplikaw meta investitur għandu l-għan li jstabilixxi l-faċilitajiet ta' infrastruttura terminali tiegħu. Kriterji ewlieni: limitazzjonijiet ta' spazju u kapaċità.
l) 4. Il-Manutenzjoni u t-Tiswija tal-Inġenji tal-Ajru u partijiet minnhom (parti minn CPC 8868)	Xejn
l) 5. Servizzi ta' Manutenzjoni u Tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar <sup>(22)</sup> (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866)	Xejn
m) Servizzi ta' Tindif tal-Bini (CPC 874)	Xejn
n) Servizzi Fotografiċi (CPC 875)	CY, EE, MT: Mingħajr restrizzjonijiet
o) Servizzi ta' Ppakkjar (CPC 876)	Xejn

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
p) Stampar u Pubblikazzjoni (CPC 88442)	LT, LV: Stabbiliment tad-drittijiet fis-settur tal-pubblikazzjoni maħruġ biss għal persuni ġuridiċi inkorporati nazzjonalment (mhux ferġat). PL: Rekwiżit ta' nazzjonalità għall-editor kap tal-gazzetti u rivisti. SE: Rekwiżiti ta' residenza għall-pubblikatur u s-sid ta' kumpanija tal-ippubblikar u l-istampar.
q) Servizzi ta' Konvenzjonijiet (parti minn CPC 87909)	Xejn
r) 1. Servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni (CPC 87905)	DK: L-awtorizzazzjoni għat-traduttur u interpreti pubbliċi awtorizzati tista' tillimita l-ambitu tal-attività. HR: Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi tat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni għal/quddiem il-qrati Kroati. PL: Mingħajr restrizzjoni għall-forniment ta' servizzi ta' interpretazzjoni bil-liċenzja. BG, HU, SK: Mingħajr restrizzjonijiet għal traduzzjoni u interpretazzjoni uffiċjali.
r) 2. Servizzi ta' Arredament Intern u Servizzi oħra ta' Disinn Speċjalizzat (CPC 87907)	Xejn
r) 3. Servizzi tal-Aġenzija tal-Kollezzjoni (CPC 87902)	IT, PT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-investituri.
r) 4. Servizz ta' rappurtar ta' kreditu (CPC 87901)	BE: Għal banek ta' dejta għall-kreditu tal-konsumaturi, il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-investituri. IT, PT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-investituri.
r) 5. Servizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904) <sup>(23)</sup>	Xejn
r) 6. Servizzi ta' konsulenza dwar it-telekomunikazzjoni (CPC 7544)	Xejn



Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
r) 7. Servizzi ta' tweġib ta' telefonati (CPC 87903)	Xejn
7. SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI	
<p>A. Servizzi Postali u tal-Kurrier</p> <p>(Servizzi relatati mal-maniġġjar <sup>(24)</sup> ta' oġġetti postali <sup>(25)</sup> skont il-lista li ġeja ta' subsetturi, kemm jekk għal destinazzjonijiet domestiċi u kemm jekk għal dawk barranin: (i) Maniġġjar ta' komunikazzjonijiet miktubin indirizzati fuq kwalunkwe mezz fiżiku <sup>(26)</sup>, inkluż is-servizz ta' posta Ibrida u l-posta Diretta, (ii) Maniġġjar ta' pakketti u imballaġġi indirizzati <sup>(27)</sup>, (iii) Maniġġjar ta' prodotti stampati indirizzati <sup>(28)</sup>, (iv) Maniġġjar tal-oġġetti msemmija minn (i) sa (iii) hawn fuq bħala posta rreġistrata jew assicurata, (v) Servizzi ta' kunsinna express <sup>(29)</sup> għall-oġġetti msemmija f'minn (i) sa (iii) hawn fuq, vi) Maniġġjar ta' oġġetti mhux indirizzati, (vii) Skambju ta' dokumenti <sup>(30)</sup>)</p>	Xejn <sup>(31)</sup>
<p>Is-subsetturi (i), (iv) u (v) jistgħu madankollu jkunu esklużi meta jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi li jistgħu jkunu riżervati, li huma: għal oġġetti ta' korrisondenza li l-prezz tagħhom ikun inqas minn darbtejn u nofs it-tariffa bażika pubblika, sakemm dawn ikunu jiżnu inqas minn 50 gramma <sup>(32)</sup>, kif ukoll għas-servizz tal-posta rreġistrata fil-proċess ta' proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi.)</p> <p>(parti minn CPC 751, parti minn CPC 71235 <sup>(33)</sup> u parti minn CPC 73210 <sup>(34)</sup>)</p>	
<p>B. Servizzi ta' Telekomunikazzjoni</p> <p>Dawn is-servizzi ma jkoprox l-attività ekonomika li tikkonsisti minn forniment tal-kontenut li jirrikjedi servizzi ta' telekomunikazzjoni għat-trasport tiegħu.</p>	
a) Is-servizzi kollha li jikkonsistu fit-trażmissjoni u r-riċezzjoni tas-sinjali bi kwalunkwe mezz <sup>(35)</sup> elettromanjetiku, minbarra x-xandir <sup>(36)</sup>	Xejn <sup>(37)</sup>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
b) Servizzi ta' trażmissjoni mxandra bis-satellita <sup>(38)</sup>	<p>UE: fornituri tas-servizzi f'dan is-settur jistgħu jkunu soġġetti għal obbligi biex jissalvagwardjaw l-oġġetti ta' interess ġenerali relatati mat-twassil ta' kontenut bl-użu tan-netwerk tagħhom b'konformità mal-qafas regolatorju tal-Unjoni Ewropea għall-komunikazzjonijiet elettroniċi.</p> <p>BE: Mingħajr restrizzjonijiet</p>
8. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA' INĠINERIJA RELATATI (CPC 511, CPC 512, CPC 513, CPC 514, CPC 515, CPC 516, CPC 517 u CPC 518)	<p>BG: Għal proġetti ta' importanza nazzjonali u reġjonali, investituri barranin jridu jaġixxu f'soċjetà ma' jew bħala sub-kuntratturi ta' investituri lokali.</p> <p>CY, CZ, HU, MT, SK: Mingħajr restrizzjonijiet</p>
9. SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI (minbarra d-distribuzzjoni ta' armi, munizzjoni, splussivi u materjal ieħor tal-gwerra) Is-subsettori kollha msemmija hawn taħt <sup>(39)</sup>	<p>AT: Mingħajr restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' prodotti pirotekniċi, ta' oġġetti li jaqbd u apparat għall-ispluzzjonijiet u sustanzi tossiċi. Għad-distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi u ta' prodotti tat-tabakk, id-drittijiet esklussivi u/jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Unjoni Ewropea u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni Ewropea.</p> <p>FI: Mingħajr restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku u prodotti farmaċewtiċi.</p> <p>HR: Mingħajr restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' tabakk jew prodotti tat-tabakk.</p>
A. Servizzi ta' Aġenti Kummissjonanti	
a) Servizzi tal-Aġenti kummissjonanti ta' vetturi bil-mutur, muturi u snowmobiles u partijiet u aċċessorji tagħhom (parti minn CPC 61111, parti minn CPC 6113 u parti minn CPC 6121)	Xejn
b) Servizzi Oħra ta' Aġenti Kummissjonanti (CPC 621)	Xejn
B. Servizzi ta' Kummerċ bl-Ingrossa	
a) Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' vetturi bil-mutur, muturi u snowmobiles u partijiet u aċċessorji tagħhom (parti minn CPC 61111, parti minn CPC 6113 u parti minn CPC 6121)	Xejn

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
<p>b) Servizzi ta' Kummerċ bl-Ingrossa ta' tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni (parti minn CPC 7542)</p>	<p>Xejn</p>
<p>c) Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa oħrajn (CPC 622 għajr servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' prodotti tal-enerġija <sup>(40)</sup>)</p>	<p>FR, IT: Monopolju tal-Istat fuq it-tabakk. FR: L-awtorizzazzjoni ta' spiżeriji bl-imnut hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlienin: id-densità tal-popolazzjoni u dik ġeografika tal-ispiżeriji eżistenti.</p>
<p>C. Servizzi ta' Bejgħ bl-Imnut <sup>(41)</sup> Is-servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' vetturi bil-magna, muturi u snow-mobles u l-partijiet u l-aċċessorji tagħhom (CPC 61112, parti minn CPC 6113 u parti minn CPC 6121) Is-Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' tagħmir tat-terminali tat-telekomunikazzjoni (parti minn CPC 7542) Servizzi ta' bejgħ tal-ikel bl-imnut (CPC 631) Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti oħra (mhux tal-enerġija), ħlief bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi <sup>(42)</sup> (CPC 632 eskluż CPC 63211 u 63297)</p>	<p>ES, FR, IT: Monopolju tal-Istat fuq it-tabakk. BE, BG, DK, FR, IT, MT, PT: L-awtorizzazzjoni għal ħwienet kbar (fil-każ ta' FR għal ħwienet kbar biss) hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlienin: in-numru ta' u l-impatt fuq il-ħwienet eżistenti, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjeggi ġodda. IE, SE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku. SE: L-awtorizzazzjoni għall-kummerċ temporanju fl-ilbies, iż-żraben, u l-ikel li ma jiġux ikkunsmati fejn jinbiegħu tista' tkun suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlienin: impatt fuq ħwienet eżistenti fiż-żona ġeografika kkonċernata.</p>
<p>D. Il-Franchising (CPC 8929)</p>	<p>Xejn</p>
<p>10. SERVIZZI EDUKATTIVI (servizzi ffinanzjati mill-privat biss)</p>	
<p>A. Servizzi ta' Edukazzjoni Primarja (CPC 921) B. Servizzi ta' Edukazzjoni Sekondarja (CPC 922)</p>	<p>UE: Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-netwerk tal-edukazzjoni hija suġġetta għal konċessjoni. AT: Mingħajr restrizzjonijiet għas-Servizzi tal-Edukazzjoni Ogħla. Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti permezz tar-radju jew xandir televiżiv. BG: Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi edukattivi tal-primarja u/jew tas-sekondarja minn persuni fiżiċi barranin u assoċjazzjonijiet u għall-forniment ta' Servizzi tal-Edukazzjoni Ogħla.</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika; (CPC 8675) minbarra servizzi akkwistati mill-Istat Servizzi inċidentali għat-tħaffir tal-minjieri (CPC 883) Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju u tagħmir, u ta' makkinarju tal-elettriku (parti minn CPC 8861-8866) Servizzi tal-inġinerija (CPC 8672), minbarra servizzi akkwistati mill-Istat	1) MA; NT: Xejn 2) MA; NT: Xejn
Servizzi relatati mal-inġinerija integrata (CPC 8673), minbarra servizzi akkwistati mill-Istat Servizzi ta' konsulenza dwar l-immaniġġjar (CPC 865) Servizzi relatati ma' konsulenza dwar il-ġestjoni (CPC 866) Servizzi ta' ttestjar tekniku u analiżi (CPC 8676)	
<p>(<sup>1</sup>) 'Oġġetti ta' korrispondenza' jinkludu komunikazzjoni bil-miktub fuq kull tip ta' mezz fiżiku mibgħut u mwassal fl-indirizz indikat minn min jibagħtu fuq l-oġġett innifsu jew fuq it-tgeżwir tiegħu. Kotba, katalgi, gazzetti u pubblikazzjonijiet regolari oħra ma jitqiesux bħala oġġetti ta' korrispondenza.</p> <p>(<sup>2</sup>) It-trasport ta' posta għall-kont proprju b'kull mezz fuq l-art.</p> <p>(<sup>3</sup>) It-trasport ta' oġġetti postali għall-kont proprju bl-ajru.</p> <p>(<sup>4</sup>) Fejn referenzi f'dan is-settur huma mmarkati bħala 'Mingħajr Restrizzjonijiet*', dan ifisser li impenn vinkolanti ma jkunx possibbli minħabba li l-provvista jew il-forniment tas-servizz mhuwiex teknikament fattibbli."</p>	

## ANNEX XIII

## "TAQSIMA B

**IL-PARTI TAL-UE**

Jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin:

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Ir-Repubblika Ċeka

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

ES Spanja

EE L-Estonja

UE L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha

FI Il-Finlandja

FR Franza

EL Il-Greċja

HR Il-Kroazja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LV Il-Latvja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

MT Malta

NL Il-Pajjiżi l-Baxxi

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SK Ir-Repubblika Slovakkja

SI Is-Slovenja

SE L-Isvezja

UK Ir-Renju Unit



1. Il-lista tar-riżervi ta' hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi liberalizzati skont l-Artikolu 114 tal-Ftehim li għalihom japplikaw restrizzjonijiet fuq il-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati skont l-Artikolu 124 tal-Ftehim u tispeċifika limitazzjonijiet bħal dawn. Il-listi huma komposti mill-elementi li ġejjin:
  - (a) l-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-subsettur fejn japplikaw il-limitazzjonijiet; u
  - (b) tieni kolonna tiddekrivi l-limitazzjonijiet applikabbli.Meta l-kolonna msemmija fis-subparagrafu (b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għal Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea mhux imsemmija hemmhekk jieħdu impenji fis-settur ikkonċernat mingħajr riżervi <sup>(1)</sup>.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ma jieħdu l-ebda impenn għal persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati fattivitajiet ekonomiċi li mhumiex liberalizzati (jibqgħu mhux marbuta) skont l-Artikolu 114 tal-Ftehim.
2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-subsetturi individwali:
  - (a) "ISIC rev 3.1" tfisser il-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbiliti fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002;
  - (b) "CPC" tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali (Central Products Classification) kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 77, CPC prov, 1991; u
  - (c) "CPC ver. 1.0" tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali (Central Products Classification) kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 77, CPC ver 1.0, 1998.
3. Impenji fuq il-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati ma japplikawx f'każijiet meta l-intenzjoni jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom tkun ta' interferenza jew meta jaffettwaw b'mod ieħor ir-riżultat aħħari ta' kwistjoni jew negozjar relatata max-xogħol/il-ġestjoni.
4. Il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-kwalifiki, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzjar, u miżuri dwar il-kundizzjonijiet tal-impjegi, tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali meta dawn ma jikkostitwixxu ebda limitazzjoni skont it-tifsira tal-Artikoli 112 u 113 tal-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi mill-eżamijiet speċifiċi, inklużi l-eżamijiet tal-lingwa, il-ħtieġa li wieħed ikollu domiċilju legali fit-territorju fejn titwettaq l-attività ekonomika, il-ħtieġa ta' konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali li jikkonċernaw il-pagi minimi u mal-ftehimiet tal-pagi kollettivi fil-pajjiż ospitu), anki jekk mhumiex elenkati, japplikaw f'kull każ għall-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati tal-investituri ta' Parti oħra. Skont l-Artikolu 107 paragrafu 3 tal-Ftehim, il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija mill-Partijiet.
5. Ir-rekwiżiti kollha tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar id-dħul, il-permanenza, ix-xogħol u l-miżuri tas-sigurtà soċjali jkomplu japplikaw, inklużi regolamenti dwar il-perjodu ta' permanenza, il-pagi minimi, kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar il-pagi, anki jekk mhumiex elenkati hawn taħt.
6. Il-lista ta' hawn taħt hija bla ħsara għall-eżistenza ta' monopolji pubbliċi u drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar l-istabbiliment.
7. F'dawk is-setturi fejn jiġu applikati testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterji ewlenin tagħhom se jkunu l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni rilevanti tas-suq fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew ir-reġjun fejn għandu jiġi pprovdut is-servizz, inkluż fir-rigward tan-numru ta', u l-impatt fuq, il-fornituri tas-servizzi eżistenti.
8. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' riżervi ma għandu jkollhom l-ebda effett ta' awto-eżekuzzjoni u għalhekk ma jkkonferixxu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi individwali.

<sup>(1)</sup> In-nuqqas ta' riżervi speċifiċi għal Stat Membru tal-Unjoni Ewropea f'settur partikolari, huwa bla ħsara għal riservi orizzontali jew għal riservi mifruxin jew għal riżervi settorjali madwar l-Unjoni Ewropea li jistgħu jkunu applikabbli.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
IS-SETTURI KOLLHA	<p>Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi</p> <p>BG, HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi hu meħtieġ għal apprendisti gradwati.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p>L-ambitu tat-trasferimenti intrakorporatorji</p> <p>BG: In-numru tal-persuni trasferiti intrakorporarjament ma għandux jaqbeż l-10 fil-mija tan-numru medju annwali ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea impjegati mill-persuna ġuridika Bulgara rispettiva: Fejn inqas minn 100 persuna huma impjegati, in-numru ta' persuni trasferiti intrakorporarjament jista', soġġett għall-awtorizzazzjoni, jaqbeż l-10 fil-mija.</p> <p>HU: Mhux marbuta għal persuni fiżiċi li kienu msieħba f'persuni ġuridika ta' Parti oħra.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p>Diretturi maniġerjali u awdituri</p> <p>AT: Diretturi maniġerjali ta' fergħat ta' persuni ġuridiċi jridu jkunu residenti fl-Awstrija; persuni fiżiċi responsabbli f'persuna ġuridika jew fergħa għall-osservazzjoni tal-Att Awstrijak dwar in-Negozju jridu jkunu domiċiljati fl-Awstrija.</p> <p>FI: Ċittadin barrani li qed iwettaq negozju bħala intraprenditur privat irid permess tan-negozju u jrid ikun resident permanenti fl-Unjoni Ewropea. Għas-setturi kollha, minbarra s-servizzi tat-telekomunikazzjoni, il-Kundizzjoni tan-nazzjonalità u r-rekwiżit tar-residenza għald-direttur maniġerjali ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata. Għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, residenza permanenti għald-direttur maniġerjali.</p> <p>FR: Id-direttur maniġerjali ta' attività industrijali, kumerċjali jew artiġjanali, jekk mhuwiex detentur ta' permess ta' residenza, jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika.</p> <p>RO: Il-maġġoranza tal-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u d-deputati tagħhom iridu jkunu ċittadini Rumeni.</p> <p>SE: Id-direttur maniġerjali ta' persuna ġuridika jew fergħa jirresjedi fl-Isvezja.</p>
IS-SETTURI KOLLHA	<p>Rikonoxximent</p> <p>UE: Id-direttivi tal-Unjoni Ewropea dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi japplikaw biss għal ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Id-dritt biex wieħed jipprattika servizz professjonali regolat f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ma jagħtix id-dritt biex wieħed jipprattika fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>.</p>
4. Manifattura <sup>(2)</sup>	
H. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata (ISIC rev 3.1: 22), għajr il-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' hłas jew kuntratt <sup>(3)</sup>	<p>HR: Rekwiżit ta' residenza għall-pubblikaturi.</p> <p>IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-pubblikatur.</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
	<p>PL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-kap editur ta' gazzetti u ġurnali.</p> <p>SE: Rekwiżiti ta' residenza għall-pubblikatur u sid ta' kumpanija tal-ippubblikar u l-istampar.</p>
6. SERVIZZI TAN-NEGOZJU	
A. Servizzi professjonali	
<p>a) Servizzi Legali (CPC 861) (*) ħlief pariri legali u dokumenti legali u servizzi ta' awtentikar legali ipprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, <i>huissiers de justice</i> jew <i>officiers publics et ministériels</i> oħra</p>	<p>AT, CY, ES, EL, LT, MT, RO, SK: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, meħtieġa għall-prattika tal-liġi domestika (tal-Unjoni Ewropea u l-Istat Membri tagħha), hi soġġetta għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità. Għal ES, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu rinunzji.</p> <p>BE, FI: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, meħtieġa għal servizzi ta' rappreżentanza legali, hi soġġetta għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità, flimkien mar-rekwiżiti tar-residenza. Fil-Belġju japplikaw kwoti biex jidhru quddiem il-“Cour de cassation” f'każijiet mhux kriminali.</p> <p>BG: Avukati barranin jistgħu biss jipprovdur servizzi ta' rappreżentazzjoni legali ta' ċittadin tal-pajjiż tal-orijini tagħhom u soġġetti għar-riċiproċità u l-kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali hi meħtieġa r-residenza permanenti.</p> <p>FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' “avocat auprès de la Cour de Cassation” u “avocat auprès du Conseil d'Etat” huwa soġġett għal kwoti u għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità.</p> <p>HR: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, meħtieġa għal servizzi ta' rappreżentanza legali, hi soġġetta għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità (ċittadinanza ta' Stat Membru tal-UE).</p> <p>HU: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura hi soġġetta għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità, flimkien mar-rekwiżiti tar-residenza. Għal avukati barranin l-ambitu tal-attivitajiet legali hu limitat għall-provviżjoni tal-parir legali, li għandha sseħħ fuq il-bażi ta' kuntratt ta' kollaborazzjoni konkluż ma' avukat Ungeriż jew kumpanija legali.</p> <p>LV: Ir-rekwiżit tan-nazzjonalità għal avukati liċenzjati, li għalihom hi riżervata rappreżentazzjoni legali fi proċedimenti kriminali.</p> <p>DK: Il-kummerċjalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' pariri legali hu riżervat għal avukati b'liċenzja tal-prattika Daniża. Meħtieġ eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja tal-prattika Daniża.</p> <p>LU: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-forniment ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Lussemburgu u tal-Unjoni Ewropea.</p> <p>SE: Ammissjoni fl-avukatura, neċessarja biss għall-użu tat-titlu Svediż ta' “advokat”, hi soġġetta għar-rekwiżit tar-residenza.</p>
<p>b) 1. Servizzi ta' Kontabilità u Żamma tal-Kotba (CPC 86212 ħlief “servizzi ta' awditjar”, CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220)</p>	<p>FR: Għoti ta' servizzi tal-kontabbiltà u ż-żamma tal-kotba hi kundizzjonali fuq deċiżjoni tal-Ministeru tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tal-Industrija, bi qbil mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin. Ir-rekwiżit tar-residenza ma jistax jaqbeż il-5 snin.</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
<p>b) 2. Servizzi ta' awditjar (CPC 86211 u 86212 minbarra servizzi ta' kontabbiltà)</p>	<p>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal rappreżentazzjoni quddiem awtoritajiet kompetenti u għat-twettiq ta' awditjar msemmija fil-liġijiet Awstrijaċi speċifiċi (eż. liġi dwar il-kumpaniji b'titoli konġunti, liġi dwar il-borża, liġi dwar il-ban-karja, eċċ.)</p> <p>DK: Rekwiżit tar-residenza.</p> <p>ES: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-awdituri statutorji u l-amministraturi, id-diretturi u l-imsieħba ta' kumpaniji minbarra daww koperti mit-8 direttiva tal-KEE dwar il-liġi tal-kumpaniji.</p> <p>FI: Rekwiżit ta' residenza għal tal-inqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija Finlandiża ta' Responsabbiltà.</p> <p>EL: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-awdituri statutorji.</p> <p>HR: Awdituri ċċertifikati biss li jkollhom liċenzja rikonoxxuta formalment mill-Kamra tal-Awdituri Kroati jistgħu jip-provdu servizzi ta' awditjar.</p> <p>IT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-amministraturi, id-diretturi u l-imsieħba ta' kumpaniji minbarra daww koperti mit-8 direttiva tal-KEE dwar il-liġi tal-kumpaniji. Rekwiżit tar-residenza for individual auditors.</p> <p>SE: Awdituri approvati fl-Isvezja jistgħu jwettqu servizzi legali tal-awditjar f'ċerti entitajiet legali, fost oħrajn fil-kumpaniji kollha limitati. Hi meħtieġa r-residenza għall-approvazzjoni.</p>
<p>c) Servizzi ta' Konsulenza dwar it-Taxxa (CPC 863) <sup>(5)</sup></p>	<p>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal rappreżentazzjoni quddiem awtoritajiet kompetenti.</p> <p>BG, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti.</p> <p>HU: Rekwiżit tar-residenza</p>
<p>d) Servizzi arkitettoniċi u e) Ippjanar Urban u Servizzi Arkitettoniċi ta' Pajzaġġar (CPC 8671 u CPC 8674)</p>	<p>EE: Tal-inqas persuna reponsabbli (maniġer tal-proġetti jew konsulent) trid tkun residenti fl-Estonja</p> <p>BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza fil-qasam tal-kostruzzjoni għal tal-inqas sentejn. Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal servizzi ta' ppjanar urban u servizzi arkitettoniċi tal-pajżaġġ</p> <p>EL, HR, HU, SK: Rekwiżit tar-residenza</p>
<p>f) Servizzi ta' inġinerija u g) Servizzi ta' inġinerija integrata (CPC 8672 u CPC 8673)</p>	<p>EE: Tal-inqas persuna reponsabbli (maniġer tal-proġetti jew konsulent) trid tkun residenti fl-Estonja</p> <p>BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza fil-qasam tal-kostruzzjoni għal tal-inqas sentejn.</p> <p>EL, HR, HU, SK: Rekwiżit tar-residenza.</p>
<p>h) Servizzi Mediċi (inklużi psikologi) u Dentali (CPC 9312 u parti minn CPC 85201)</p>	<p>CZ, IT, SK: Rekwiżit tar-residenza.</p> <p>CZ, EE, RO, SK: L-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
	<p>BE, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.</p> <p>BG, CY, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.</p> <p>DE: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità li tista' titneħħa f'każi eċċezzjonali ta' interess għas-saħħa pubblika.</p> <p>DK: Awtorizzazzjoni limitata għat-twettiq ta' funzjoni speċifika tista' tingħata għal massimu ta' 18-il xhar u teħtieġ ir-residenza.</p> <p>FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, l-aċċess hu possibbli fil-limiti tal-kwoti stabbiliti annwalment.</p> <p>LV: Il-prattika tal-professjoni medika minn barranin teħtieġ permess mill-awtorità tas-saħħa lokali, ibbażat fuq il-ħtiġijiet ekonomiċi għal tobba u dentisti freġjun partikolari.</p> <p>PL: Il-prattika tal-professjoni medika minn barranin teħtieġ il-permess. Tobba barranin għandhom drittijiet limitati ta' elezzjoni fil-kmamar tal-professionisti.</p> <p>PT: Rekwiżit tar-residenza għall-psikologi.</p>
<p>i) Servizzi veterinarji (CPC 932)</p>	<p>BG, CY, DE, EE, EL, FR, HR, HU, MT, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.</p> <p>CZ, SK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza.</p> <p>IT: Rekwiżit tar-residenza.</p> <p>PL: Rekwiżit tan-nazzjonalità. Persuni barranin jistgħu japplikaw għall-permess biex jipprattikaw</p>
<p>j) 1. Servizzi ta' qwiebel (parti minn CPC 93191)</p>	<p>AT: Sabiex tistabbilixxi Prattika professjonali fl-Awstrija, il-persuna konċernata trid tkun ipprattikat il-professjoni inkwistjoni għal tliet snin qabel it-tfassil ta' dik il-prattika professjonali.</p> <p>BE, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.</p> <p>CZ, CY, EE, RO, SK: L-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.</p> <p>FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, l-aċċess hu possibbli fil-limiti tal-kwoti stabbiliti annwalment.</p> <p>HU: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.</p> <p>IT: Rekwiżit tar-residenza.</p> <p>LV: Ħtiġijiet ekonomiċi determinati min-numru totali ta' qwiebel fir-reġjun partikolari, awtorizzati mill-awtoritajiet lokali tas-saħħa.</p> <p>PL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Persuni barranin jistgħu japplikaw għall-permess biex jipprattikaw.</p>
<p>j) 2. Servizzi pprovdu minn Infermiera, Fiżjoterapisti u Persunal Paramediku (parti minn CPC 93191)</p>	<p>AT: Fornituri barranin tas-servizzi jitħallew jagħmlu l-attivitajiet li ġejjin biss: infirmieri, fiżjoterapisti, terapisti okkupazzjonali, logoterapisti, esperti tad-dieta u tan-nutriment. Sabiex tistabbilixxi Prattika professjonali fl-Awstrija, il-persuna konċernata trid tkun ipprattikat il-professjoni inkwistjoni għal tliet snin qabel it-tfassil ta' dik il-prattika professjonali.</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
	<p>BE, FR, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.</p> <p>CY, CZ, EE, RO, SK: L-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin.</p> <p>HU: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.</p> <p>DK: Awtorizzazzjoni limitata għat-twettiq ta' funzjoni speċifika tista' tingħata għal massimu ta' 18-il xhar u teħtieġ ir-residenza.</p> <p>CY, CZ, EL, IT: Soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi: deċiżjoni hi soġġetta għal postijiet battala fir-reġjun u nuqqas ta' ħaddiema.</p> <p>LV: Ħtiġijiet ekonomiċi determinati min-numru totali ta' infirmiera f'reġjun partikolari, awtorizzati mill-awtoritajiet lokali tas-saħħa.</p>
<p>k) Bejgħ bl-innut ta' prodotti farmaċewtiċi u bejgħ bl-innut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211) u servizzi oħra pprovduti mill-ispiżjara <sup>(6)</sup></p>	<p>FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, fil-limiti tal-kwoti stabbiliti, l-aċċess għal ċittadini ta' pajjiż terz hu possibbli jekk il-fornitur tas-servizz għandu lawrea Franċiża fil-farmaciġa.</p> <p>DE, EL, SK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità</p> <p>HU: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għajr għal bejgħ bl-innut ta' prodotti farmaċewtiċi u bejgħ bl-innut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211).</p> <p>IT, PT: Rekwiżit tar-residenza.</p>
<p>D. Servizzi ta' Bejgħ tal-Proprietà Immobbli <sup>(7)</sup></p>	
<p>a) Li tinvolvi proprietà proprja jew mikrija (CPC 821)</p>	<p>FR, HU, IT, PT: Rekwiżit tar-residenza.</p> <p>LV, MT, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.</p>
<p>b) Fuq Bażi ta' Tariffa jew Kuntratt (CPC 822)</p>	<p>DK: Rekwiżit tar-residenza sakemm ma jitneħhiex mill-Aġenzija Daniża għall-Kummerċ u l-Kumpaniji.</p> <p>FR, HU, IT, PT: Rekwiżit tar-residenza</p> <p>CY (għall-Ekwador biss), LV, MT, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.</p>
<p>E. Servizz ta' Kiri/Leasing mingħajr Operaturi</p>	
<p>e) Relatati ma' prodotti personali u tad-dar (CPC 832)</p>	<p>UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-apprendisti gradwati.</p> <p>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
f) Kiri ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni (CPC 7541)	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati.
F. Servizzi tan-negozji oħrajn	
e) Servizzi ta' Ttestjar Tekniku u ta' Analiżi (CPC 8676)	IT, PT: Rekwiżiti tar-residenza għall-bijologu u l-analist tal-kimika.
f) Servizzi ta' Pariri u Konsulenza relatati mal-Agricoltura, Kaċċa u Forestrija (parti minn CPC 881)	IT: Rekwiżiti tar-residenza għall-agronomisti u "periti agrari".
j) 2. Servizzi tas-Sigurtà (CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304 u CPC 87305)	BE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza għal persunal amministrattiv. BG, CY, CZ, EE, LV, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza. DK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza għal manijers u servizzi ta' gwardjani fl-ajruporti. ES, PT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal persunal speċjalizzat. FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal diretturi manijerjali u diretturi. IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni neċessarja għas-servizzi ta' gwardjani tas-sigurtà u t-trasport ta' oġġetti ta' valur.
k) Servizzi Relatati ma' Konsulenza Xjentifika u Teknika (CPC 8675)	BG: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti. DE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal servejers maħtura pubblikament. FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-"sorveljar" ta' operazzjonijiet relatati mal-istabbiliment ta' drittijiet tal-proprjeta' u l-liġi tal-artijiet. IT, PT: Rekwiżit tar-residenza.
l) 1. Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868)	MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
l) 2. Manutenzjoni u Tiswija ta' Tagħmir tat-Trasport bil-Ferrovija (parti minn CPC 8868)	LV: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
l) 3. Manutenzjoni u tiswija ta' karozzi, muturi, muturi tas-silġ u tagħmir għat-trasport fuq it-triq (CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868)	UE: Għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi u muturi tas-silġ, kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati.
l) 5. Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar <sup>(8)</sup> (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866)	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati.
m) Servizzi ta' Tindif tal-Bini (CPC 874)	CY, EE, HR, MT, PL, RO, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti.
n) Servizzi ta' Fotografija (CPC 875)	HR, LV: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal servizzi fotografiċi ta' speċjalità. PL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-forniment ta' servizzi fotografiċi mill-ajru.
p) Stampar u Pubblikazzjoni (CPC 88442)	HR: Rekwiżit ta' residenza għall-pubblikaturi. SE: Rekwiżiti ta' residenza għall-pubblikatur u sid ta' kumpanija tal-ippubblikar u l-istampar
r) 1. Servizzi ta' Traduzzjoni u Interpretazzjoni (CPC 87905)	FI: Rekwiżit tar-residenza għal tradutturi ċertifikati DK: Rekwiżit tar-residenza għal tradutturi u interpreti pubbliċi awtorizzati, sakemm ma jitneħħix mill-Aġenzija Daniża għall-Kummerċ u l-Kumpaniji.
q) Servizzi ta' Kungressi (parti minn CPC 87909)	SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.



Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
r) 3. Servizzi ta' Aġenzija tal-Ġbir (CPC 87902)	BE, EL, IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
r) 4. Servizz ta' rappurtar ta' kreditu (CPC 87901)	BE, EL, IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
r) 5. Sevizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904) (*)	AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati. LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-ispeċjalisti u kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-apprendisti gradwati.
8. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA' INĠINERJA RELATATI (CPC 511, CPC 512, CPC 513, CPC 514, CPC 515, CPC 516, CPC 517 u CPC 518)	BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza fil-qasam tal-konstruzzjoni għal tal-inqas sentejn.
9. SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI (għajr distribuzzjoni ta' armi, munizzjon u materjal tal-gwerra)	
C. Servizzi ta' Bejgħ bl-Imnut (*)	
c) Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' ikel (CPC 631)	FR: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-bejjiegħa tat-tabakk (jiġifieri buraliste)
10. SERVIZZI EDUKATTIVI (servizzi ffinanzjati mill-privat biss)	
A. Servizzi ta' Edukazzjoni Primarja (CPC 921)	FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu u jmexxu istituzzjoni edukattiva u biex jgħallmu.

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
	<p>IT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-fornituri tas-servizzi li huma awtorizzati biex jagħtu diplomi rikonoxxuti mill-Istat.</p> <p>EL: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-għalliema.</p>
<p>B. Servizzi ta' Edukazzjoni Sekondarja (CPC 922)</p>	<p>FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu u jmexxu istituzzjoni edukattiva u biex jgħallmu.</p> <p>IT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-fornituri tas-servizzi li huma awtorizzati biex jagħtu diplomi rikonoxxuti mill-Istat.</p> <p>EL: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-għalliema.</p> <p>LV: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità servizzi edukattivi relatati ma' servizzi ta' edukazzjoni teknika u vokazzjonali fi skej-jel sekondarji għal studenti b'diżabbiltà (CPC 9224)</p>
<p>C. Servizzi tal-Edukazzjoni Ogħla (CPC 923)</p>	<p>FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiksbu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu u jmexxu istituzzjoni edukattiva u biex jgħallmu.</p> <p>CZ, SK: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-servizzi tal-edukazzjoni ogħla, għajr għas-servizzi edukattivi post-sekondarji tekniċi u vokazzjonali (CPC 92310).</p> <p>IT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-fornituri tas-servizzi li huma awtorizzati biex jagħtu diplomi rikonoxxuti mill-Istat.</p> <p>DK: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-professuri.</p>
<p>12. SERVIZZI FINANZJARJI</p>	
<p>A. Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni</p>	<p>AT: It-tmexxija ta' uffiċċju ta' fergħa trid tikkonsisti f'żewġ persuni fiżiċi residenti fl-Awstrija.</p> <p>EE: Għall-assigurazzjoni diretta, il-korp tal-ġestjoni ta' kumpanija tal-assigurazzjoni b'ishma konġunti b'parteċipazzjoni ta' kapital barrani jista' jinkludi ċittadini minn pajjiżi mhux tal-Unjoni Ewropea biss bi proporzjon għall-parteċipazzjoni barranija u mhux aktar minn nofs il-membri tal-grupp tat-tmexxija. Il-kap amministrattiv ta' kumpanija sussidjarjaw jew indipendenti jrid ikun jgħix b'mod parmanenti fl-Estonja.</p> <p>ES: Rekwiżit tar-residenza u tliet snin esperjenza għall-professjoni attwarjali.</p> <p>HR: Rekwiżit tar-residenza.</p> <p>IT: Rekwiżit tar-residenza għall-professjoni attwarjali.</p> <p>FI: Id-diretturi maġġorjanti u tal-inqas awditur wieħed ta' kumpanija tal-assigurazzjoni jkollhom ir-residenza tagħhom fl-Unjoni Ewropea, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma tawhomx eżenzjoni. L-aġent ġenerali tal-kumpanija barranija tal-assigurazzjoni jkollu r-residenza tiegħu/tagħha fil-Finlandja, sakemm il-kumpanija m'għandhiex l-uffiċċju ewlieni tagħha fl-Unjoni Ewropea.</p> <p>PL: Rekwiżit tar-residenza għall-intermedjarji tal-assigurazzjoni</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
<p>B. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (għajr l-assigurazzjoni)</p>	<p>BG: Residenza permanenti fil-Bulgarija hi meħtieġa għad-diretturi eżekuttivi u l-aġent maniġerjali.</p> <p>FI: Id-diretturi manijerjali u tal-inqas awditur wieħed tal-istituzzjonijiet tal-kreditu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fl-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunux ingħataw eżenzjoni mill-Awtorità Superviżorja Finanzjarja. Is-sensar (persuna individwali) għall-iskambju derivattiv ikollu r-residenza tiegħu/tagħha fl-Unjoni Ewropea.</p> <p>HR: Rekwiżit tar-residenza. Il-bord ta' ġestjoni jidderieġi n-negozju ta' istituzzjoni tal-kreditu mit-territorju tal-Kroazja. Mill-inqas membru wieħed tal-bord ta' ġestjoni għandu jkun jaf jittellem sew bil-lingwa Kroata.</p> <p>IT: Kundizzjoni tar-residenza fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għal "promotori di servizi finanziari" (bejjiegħa finanzjarji)</p> <p>LT: (għall-Kolombja u l-Perù): Tal-inqas manijer wieħed irid ikun ċittadin tal-Unjoni Ewropea.</p> <p>LT: (għall-Ekwador): Tal-inqas kap wieħed mill-amministrazzjoni ta' bank irid jittellem l-ilsien Litwan u jgħix b'mod permanenti fir-Repubblika tal-Litwanja.</p> <p>PL: Rekwiżit tan-nazzjonalità għal tal-inqas wieħed mill-eżekuttivi tal-bank.</p>
<p>13. SERVIZZI TAS-SAĦĦA U SERVIZZI SOĊJALI (servizzi ffinanzjati mill-privat biss)</p> <p>A. Servizzi ta' Sptarijiet (CPC 9311)</p> <p>B. Servizzi ta' Ambulanzi (CPC 93192)</p> <p>C. Faċilitajiet ta' saħħa residenzjali minbarra servizzi ta' sptarijiet (CPC 93193)</p> <p>E. Servizzi Soċjali (CPC 933)</p>	<p>FR: L-awtorizzazzjoni neċessarja għall-aċċess għall-funzjonijiet tal-immaniġġjar tikkunsidra d-disponibbiltà tal-manijers lokali.</p> <p>LV: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal tobba, dentisti, qwiebel, infirmiera, fiżjoterapisti, u persunal paramediku.</p> <p>PL: Il-prattika tal-professjoni medika minn barranin teħtieġ il-permess. Tobba barranin għandhom drittijiet limitati ta' elezzjoni fil-kmamar tal-professjonisti.</p>
<p>14. TURIŻMU U SERVIZZI RELATATI MAL-IVVJAĠĠAR</p>	
<p>A. Lukandi, Ristoranti u Kejtering (CPC 641, CPC 642 u CPC 643)</p> <p>ħlief il-kejtering f'servizzi ta' trasport bl-ajru <sup>(1)</sup></p>	<p>BG: In-numru ta' manijers barranin ma għandux jaqbeż in-numru ta' manijers li huma ċittadini Bulgari, f'każi fejn is-sehem pubbliku (stat u/jew municiplju) fil-kapital tal-ekwiżità ta' kumpanija Bulgara jaqbeż il-50 fil-mija</p> <p>HR: Ir-rekwiżit ta' nazzjonalità għal servizzi ta' ospitalità u forniment tal-ikel f'unitajiet domestiċi u proprjetajiet residenzjali rurali (homesteads).</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
B. Servizzi tal-Aġenziji tal-Ivjaġġar u tal-Operaturi tal-Vjaġġi Turistiċi (inklużi maniġers tal-vjaġġi turistiċi) (CPC 7471)	BG: In-numru ta' maniġers barranin ma għandux jaqbeż in-numru ta' maniġers li huma ċittadini Bulgari, f'każi fejn is-sehem pubbliku (stat u/jew muniċipju) fil-kapital tal-ekwità ta' kumpanija Bulgara jaqbeż il-50 fil-mija.
C. Servizzi ta' Gwidi Turistiċi (CPC 7472)	ES, FR, EL, HR, IT, PL, PT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità ES, IT: Id-dritt ta' twettiq tal-professjoni hu riżervat għall-organizzazzjonijiet lokali ta' gwidi turistiċi
15. SERVIZZI RIKREATTIVI, KULTURALI U SPORTIVI (minbarra servizzi awdjoviżivi)	
A. Servizzi ta' Divertiment (inklużi Servizzi ta' Teatru, daqq minn Baned, Ċirku u Diskoteki) (CPC 9619)	FR: L-awtorizzazzjoni neċessarja għall-aċċess tal-funzjonijiet tal-immaniġġjar hi soġġetta għall-kundizzjoni tan-nazzjonalità meta l-awtorizzazzjoni għal aktar minn sentejn tkun meħtieġa
16. SERVIZZI TAT-TRASPORT	
A. Trasport marittimu	
a) Trasport internazzjonali tal-passiġġieri (CPC 7211 trasport b'inqas kabottaġġ nazzjonali). b) Trasport internazzjonali tal-merkanzija (CPC 7212 trasport b'inqas kabottaġġ nazzjonali) <sup>(12)</sup>	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ekwipaġġi tal-bastimenti AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-maġġoranza tad-diretturi maniġerjali
D. Trasport fuq l-Art	
a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7121 u CPC 7122)	AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal persuni u azzjonisti intitolati biex jirrappreżentaw persuna ġuridika jew soċjetà DK, HR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza għall-maniġers. BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità
b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7123, ħlief it-trasport ta' posta għall-kont proprju <sup>(13)</sup> ).	AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal persuni u azzjonisti intitolati biex jirrappreżentaw persuna ġuridika jew soċjetà

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
	BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità HR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit tar-residenza għall-manigġers.
E. Trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil <sup>(14)</sup> (CPC 7139)	AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għad-diretturi manigġerjali.
17 SERVIZZI AWŻILJARI GĦAT-TRASPORT <sup>(15)</sup>	
A. Servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu a) Servizzi ta' mmaniġġar tal-merkanzija marittima b) Servizzi ta' maġażinaġġ u mħażen (parti minn CPC 742) c) Servizzi ta' Permessi tad-Dwana d) Servizzi ta' Stazzjon u Depot tal-Kontejners e) Servizzi ta' Aġenzija Marittima f) Servizzi Marittimi ta' Dispaċċ tal-Merkanzija	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ekwipaġġi tas-servizzi tal-imbuttar, irmunkar u għas-servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu. AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-maġġoranza tad-diretturi manigġerjali għal a), d), h), g), h), u i). BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità DK: Rekwiżit tar-residenza għas-servizzi ta' permessi tad-dwana EL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-servizzi ta' permessi tad-dwana IT: Rekwiżit tar-residenza għar-“raccomandatorio marittimo”
g) Kiri ta' Bastimenti bl-Ekwipaġġ (CPC 7213) h) Servizzi ta' għid u rmunkar (CPC 7214) i) Servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu (parti minn CPC 745) j) Servizzi ta' appoġġ u awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
<p>B. Servizzi awżiljarji għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni</p> <p>e) Servizzi ta' għbid u rmunkar (CPC 7224)</p> <p>f) Servizzi ta' appoġġ għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni ( parti minn CPC 745)</p>	<p>UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ekwipaġġi</p>
<p>C. Servizzi awżiljarji għat-Trasport fuq l-Art</p> <p>d) Kiri ta' Vetturi Kummerċjali tat-Triq bl-Operaturi (CPC 7124)</p> <p>e) Servizzi ta' Permessi tad-Dwana</p>	<p>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal persuni u azzjonisti intitolati biex jirrappreżentaw persuna ġuridika jew soċjeta għas-servizzi ta' kiri ta' vetturi kummerċjali tat-triq bl-operaturi.</p> <p>BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità</p> <p>DK: Rekwiżit tar-residenza għas-servizzi ta' permessi tad-dwana</p> <p>EL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-servizzi ta' permessi tad-dwana</p> <p>PL: Restrizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rappreżentazzjoni diretta fis-servizzi ta' permessi tad-dwana: it-twertiq jista' jsir biss minn aġenti doganali li għandhom residenza fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.</p> <p>FR: Mhux marbuta sakemm ma tingħatax reċiproċità sħiħa.</p> <p>NL: Il-permess lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi biex jaġixxu bħala rappreżentanti doganali hu soġġett għad-diskrezzjoni mill-ispettur, kif hemm fl-Artikoli 1(3) u 1(9) tal-Att Ġenerali dwar id-Dwana. Applikant ma jkunx aċċettat f'każ li kien sentenzjat irrevokabilment għal att kriminali fl-aħħar ħames snin. Rappreżentanti doganali, li mhumiex residenti ta' jew stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, huma meħtieġa li jirresjedu jew jistabbilixxu post fiss fil-Pajjiżi l-Baxxi, qabel ma jwettqu attivajiet bħala rappreżentant doganali bil-permess.</p>
<p>D. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija <sup>(16)</sup></p> <p>a) Servizzi ta' permessi tad-dwana</p>	<p>BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità</p> <p>DK: Rekwiżit tar-residenza għas-servizzi ta' permessi tad-dwana</p> <p>EL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-servizzi ta' permessi tad-dwana</p> <p>PL: Restrizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rappreżentazzjoni diretta fis-servizzi ta' permessi tad-dwana: it-twertiq jista' jsir biss minn aġenti doganali li għandhom residenza fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.</p> <p>FR: Mhux marbuta sakemm ma tingħatax reċiproċità sħiħa.</p> <p>NL: Il-permess lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi biex jaġixxu bħala rappreżentanti doganali hu soġġett għad-diskrezzjoni mill-ispettur, kif hemm fl-Artikoli 1(3) u 1(9) tal-Att Ġenerali dwar id-Dwana. Applikant ma jkunx aċċettat f'każ li kien sentenzjat irrevokabilment għal att kriminali fl-aħħar ħames snin. Rappreżentanti doganali, li mhumiex residenti ta' jew stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, huma meħtieġa li jirresjedu jew jistabbilixxu post fiss fil-Pajjiżi l-Baxxi, qabel ma jwettqu attivajiet bħala rappreżentant doganali bil-permess.</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
<p>E. Servizzi awżiljari għat-trasport bl-ajru</p> <p>a) Servizzi ta' permessi tad-dwana</p>	<p>BG, MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità</p> <p>DK: Rekwiżit tar-residenza għas-servizzi ta' permessi tad-dwana</p> <p>EL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-servizzi ta' permessi tad-dwana</p> <p>PL: Restrizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw ir-rappreżentazzjoni diretta fis-servizzi ta' permessi tad-dwana: it-twertiq jista' jsir biss minn aġenti doganali li għandhom residenza fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.</p> <p>FR: Mhux marbuta sakemm ma tingħatax reċiproċità sħiħa.</p> <p>NL: Il-permess lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi biex jaġixxu bħala rappreżentanti doganali hu soġġett għad-diskrezzjoni mill-ispettur, kif hemm fl-Artikoli 1(3) u 1(9) tal-Att Ġenerali dwar id-Dwana. Applikant ma jkunx aċċettat f'każ li kien sentenzjat irrevokabilment għal att kriminali fl-aħħar ħames snin. Rappreżentanti doganali, li mhumiex residenti ta' jew stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi, huma meħtieġa li jirresjedu jew jistabbilixxu post fess fil-Pajjiżi l-Baxxi, qabel ma jwettqu attivajiet bħala rappreżentant doganali bil-permess.</p>
<p>F. Servizzi awżiljari għat-trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil <sup>(17)</sup></p> <p>a) Servizzi ta' magażinaġġ u mħażen ta' prodotti minbarra l-karburant trasportat bil-pajpijiet (parti minn CPC 742)</p>	<p>AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għald-diretturi maniġerjali.</p>
<p>18. SERVIZZI TAL-ENERĠIJA</p>	
<p>A. Servizzi Anċillari għall-Minjieri (CPC 883) <sup>(18)</sup></p>	<p>SK: Rekwiżit tar-residenza.</p>
<p>19. SERVIZZI OĦRA MHUX INKLUŻI MKIEN IEĦOR</p>	
<p>a) Servizzi ta' Ħasil, Tindif u Żebgħa tal-Ħwejjeġ (CPC 9701)</p>	<p>UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati</p>

Settur jew Subsettur	Deskrizzjoni tar-Riżervi
b) Servizzi ta' qtugħ tax-xagħar (CPC 97021)	BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HR, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati. AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-apprendisti gradwati.
c) Trattament kożmetiku, servizzi ta' manikura u pedikura (CPC 97022)	BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HR, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati. AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-apprendisti gradwati.
d) Servizzi oħra ta' trattamenti estetiċi n.e.c (CPC 97029)	BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HR, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati. AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-apprendisti gradwati.
e) Servizzi ta' spa u massaġġi mhux terapewtiċi, sakemm jingħataw bħala servizzi ta' rilassament għall-benesseri fiżiku u mhux għal skopijiet mediċi jew ta' rijabilitazzjoni <sup>(19)</sup> (CPC ver. 1.0 97230)	UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprendisti gradwati.

<sup>(1)</sup> Sabiex ċittadini ta' pajjiżi terzi jiksbu rikonoxximent madwar l-Unjoni Ewropea kollha tal-kwalifiki tagħhom, hemm bżonn ta' Ftehim ta' Rikonoxximent Reċiproku negozjat fil-qafas definit fl-Artikolu 129 tal-Ftehim.

<sup>(2)</sup> Dan is-settur ma jinkludix servizz ta' konsulenza dwar il-manifattura, li jinsabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJI taħt 6.F.h).

<sup>(3)</sup> Il-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt tinstab fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.p).

<sup>(4)</sup> Tinkludi servizzi ta' konsulenza legali, rappreżentanza legali, arbitraġġ legali u konċiljazzjoni/medjazzjoni, u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali.

It-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' servizzi legali hu awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika, liġi tal-Unjoni Ewropea u l-liġi ta' kull ġurisdizzjoni fejn il-fornitur tas-servizz jew il-persunal tiegħu ikun ikkwalifikat biex jipprattika bħala avukat, u, bħat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' servizzi oħra, hu soġġett għar-reqwiziti ta' liċenzjar u proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Għal avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u liġi barranija, dawn jista' jkollhom, fost oħrajn, l-għamla ta' konformità ma' kodiċijiet lokali ta' etika, l-użu tat-titolu tal-orijini (sakemm inkiseb rikonoxximent mat-titolu tal-pajjiż ospitu), reqwiziti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-Qorti tal-pajjiż ospitu jew sempliċi ammissjoni fl-avukatura tal-pajjiż ospitu permezz ta' test tal-kapaċitajiet u domiċilju ġuridiku jew professjonali fil-pajjiż ospitu. Is-servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni Ewropea jsiru minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ li ġie ammess fl-avukatura tal-Unjoni Ewropea huwa u jaġixxi personalment, u servizzi legali fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fil-prinċipju jsiru minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ ammess fl-avukatura ta' dak l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea huwa u jaġixxi personalment. L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura tal-Istat Membru relevanti tal-Unjoni Ewropea tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentazzjoni fil-Qrati u awtoritajiet kompetenti oħra fl-Unjoni Ewropea billi tinvolvi l-prattika ta' liġi proċedurali nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, fxi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, l-avukati barranin li ma jkunux ammessi bis-sħiħ fl-avukatura huma permessi jirrapreżentaw fi proċedimenti ċivili parti li tkun ċittadina jew li tagħmel parti mill-Istat fejn l-avukat ikun intitolat jipprattika.

<sup>(5)</sup> Mhumiex inklużi s-servizzi ta' pariri legali u ta' rappreżentazzjoni legali dwar it-taxxa, li jinstabu taħt 1.A.a). Servizzi legali.

<sup>(6)</sup> Il-forniment ta' prodotti farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-forniment ta' servizzi oħra, hu soġġett għall-ħtiġijiet ta' liċenzji u kwalifikazzjoni u proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Bħala regola ġenerali, din l-attività hi riżervata għall-ispiżjara. F'xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-forniment ta' mediċina bir-riċetta biss hi riżervata għall-ispiżjara.

<sup>(7)</sup> Is-servizz konċernat hu relatat mal-professjoni ta' aġent ta' propjetà immobbi u ma jaffettwa l-ebda dritt u/jew restrizzjoni fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi li jixtru propjetà immobbli.

<sup>(8)</sup> Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija tat-tagħmir għat-trasport (CPC 6112, 6122, 8867 u CPC 8868) jinstabu taħt 6.F. l) 1 sa 6.F.l) 4.

Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċji nklużi kompjuters (CPC 845) jinstabu taħt 6.B. Servizzi tal-kompjuters.

<sup>(9)</sup> Ma jinkludix servizzi ta' stampar, li jaqgħu taħt CPC 88442 u jinsabu taħt 6.F p).

<sup>(10)</sup> Ma jinkludix servizzi ta' manutenzjoni u tiswija, li jinstabu f'SERVIZZI TAN-NEGOZJI taħt 6.B. u 6.f.l).

Ma jinkludix servizzi ta' bejgħ bl-immnut ta' prodotti tal-enerġija li jinstabu f'SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 18.E u 18.F.



- (<sup>11</sup>) Il-kejtering fis-servizzi tat-trasport bl-ajru jinsabu f'SERVIZZI AWŻILJARJI GĦAS-SERVIZZI TAT-TRASPORT f'17.D.a) servizzi ta' ġestjoni fuq l-art.
- (<sup>12</sup>) Inklużi s-servizzi ta' distribuzzjoni (feeder) u ċ-ċaqliq ta' tagħmir bejn portijiet tal-istess Stat minn fornituri tat-trasport marittimu internazzjonali meta l-ebda dħul mhux involut.
- (<sup>13</sup>) Parti minn CPC 71235, li tinstab fis-SERVIZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI taħt 7.A. Servizzi postali u ta' kurier.
- (<sup>14</sup>) It-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsab taħt SERVICI TAL-ENERĠIJA fi 18.B.
- (<sup>15</sup>) Ma jinkludux servizzi ta' manutenzjoni u tiswija of transport equipment, li jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJI taħt 6.F.l) 1 sa 6.F.l) 4.
- (<sup>16</sup>) Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi meta s-servizzi jeħtieġu l-użu tal-ispazju pubbliku.
- (<sup>17</sup>) Is-servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsabu taħt SERVICI TAL-ENERĠIJA taħt 18.C.
- (<sup>18</sup>) Inkluż is-servizz li ġej li hu offrut fuq bażi ta' pagament jew kuntratt: servizzi ta' parir u konsulenza relatat mat-tħaffir fil-minjieri, it-tħejjija tas-siti fuq l-art, l-installazzjoni tal-impjanti tat-tħaffir fuq l-art, tħaffir, servizzi tal-golji tat-tħaffir, servizzi tal-"casing" u tat-tubi tat-tħaffir, inġinerija tat-tajn u provvista, kontroll tas-solidi, operazzjonijiet ta' sajd u operazzjonijiet "downhole" speċjali, ġeoloġija tas-siti tal-bjar u kontroll tat-tħaffir, teħid ta' kampjuni (cores) mill-art, testjar tal-bjar, servizzi wireline, provvista u użu ta' completion fluids (brines) provvista u installazzjoni ta' apparat ta' tlestija, simentar (ippumpjar bi pressjoni), servizzi ta' stimolazzjoni (tixqiq, aċidifikar u ppumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' "workover" u ta' tiswija tal-bjar, issiġillar u abbandunjar tal-bjar.  
Ma jinkludux aċċess dirett għal jew esplotazzjoni ta' riżorsi naturali.  
Ma jinkludux xogħol ta' preparazzjoni tas-sit għal minjieri ta' riżorsi li mhumiex żejt jew gass (CPC 5115), li jinstab f'8. SERVICI TA' KOSTRUZZJONI.
- (<sup>19</sup>) Servizzi ta' massaġġi terapewtiċi u ta' kura termali jinstabu taħt 6.A.h) Servizzi mediċi, 6.A.j) 2 Servizzi provduti minn infirmiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi tas-saħħa (13.A u 13 C)."
-

## ANNEX XIV

## "TAQSIMA D

**L-EKWADOR**

Din l-Iskeda ta' Impenji hija konsistenti ma' dispożizzjonijiet kostituzzjonali u legali li jirregolaw il-preżenza temporanja fl-Ekwador ta' persuni għal skopijiet ta' negozju u l-kompatibilità tagħhom mal-impenji meħuda flivell multilaterali.

Għat-tħejjija ta' din l-offerta, għet ikkunsidrata l-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti mid-Diviżjoni tal-Istatistiċi tan-Nazzjonijiet Uniti, Rapporti Statistiċi, Serje M, Nru 77, proviżorji, 1991, għall-offerta relatata mal-kummerċ transfruntieri fis-servizzi.

Il-lista ta' riżervi ta' hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi liberalizzati skont l-Artikolu 114 ta' dan il-Ftehim li għalihom japplikaw il-limitazzjonijiet fuq il-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati skont l-Artikolu 124 ta' dan il-Ftehim, u tispeċifika dawn il-limitazzjonijiet. L-Ekwador ma jieħ u l-ebda impenn f'attivitajiet ekonomiċi li mhumiex liberalizzati (jibqgħu mingħajr restrizzjonijiet) għall-persunal ewlieni u l-apprendisti gradwati skont l-Artikolu 114 ta' dan il-Ftehim.

Għal finijiet ta' analiżi u reviżjoni metodoloġiċi, il-lista ta' hawn taħt hija ppreżentata kif ġej:

Is-setturi tas-servizzi affettwati minn restrizzjonijiet f'din l-offerta huma murija fuq in-naħa tax-xellug bit-titolu "settur jew subsettur".

Biex tikkumplementa l-lista, il-kolonna tan-naħa tal-lemin tinkludi restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet li jaffettwaw settur jew subsettur korrispondenti.

Impenji f'ċerti setturi jew subsetturi huma soġġetti għal riżervi orizzontali u limitazzjonijiet inklużi fl-ewwel taqsima, li japplikaw b'mod ġenerali u mingħajr l-ebda kundizzjoni għas-setturi kollha sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Skont id-dispożizzjonijiet inklużi fl-Artikolu 107(7) rigward l-ambitu tar-regoli fit-Titolu dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, Stabbiliment u Kummerċ Elettroniku, ma hemm l-ebda miżuri elenkati li jirrigwardaw ir-regolament tad-dħul ta' persuni fiżiċi, jew is-soġġorn temporanju tagħhom, fit-territorju tal-Ekwador, inklużi dawk il-miżuri adottati jew miżmuma mill-Ekwador bħala neċessarji sabiex jiproteġu l-integrità, u sabiex jiżguraw il-moviment ordnat ta' persuni fiżiċi bejn il-fruntieri tiegħu.

Il-lista ta' hawn taħt ma tinkludix miżuri dwar ir-rekwiżiti għall-kwalifikazzjoni u l-proċeduri, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti ta' liċenzji u proċeduri, u miżuri dwar l-impjiegi, ix-xogħol u l-kundizzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Tali miżuri li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwi, il-ħtieġa li wieħed ikollu indirizz legali fit-territorju fejn titwettaq l-attività ekonomika, il-ħtieġa għall-konformità mar-regolamenti u l-prassi nazzjonali dwar il-pagi minimi u mal-ftehimiet kollettivi dwar il-pagi fil-pajjiż ospitanti, anki jekk mhumiex elenkati hawn taħt, japplikaw fi kwalunkwe każ għall-persunal ewlieni u għall-apprendisti lawrejati tal-Parti tal-UE.

Id-drittijiet u l-obbligi li joriġinaw minn din l-iskeda ta' impenji ma humiex direttament applikabbli u effettivi u b'hekk ma jagħtux drittijiet direttament eżegwibbli fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

Settur jew subsettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
IMPENJI ORIZZONTALI	
